ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 14

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

18 ta' Jannar 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2014/15/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet** ........ 1

★ **Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fl-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet** ........ 2

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 40/2014 tas-17 ta' Jannar 2014 li jawtorizza ċerti dikjarazzjonijiet sanitarji dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012** [1] ........ 8

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 41/2014 tas-17 ta' Jannar 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 11

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2014/16/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUBAM Libya/1/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)** ..... 13

2014/17/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUBAM Libya/2/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' Pajjiżi terzi għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)** ..... 15

2014/18/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/1/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)** ..... 16

2014/19/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.30753 (C 34/10) (ex N 140/10) li Franza bihsiebha timplimenta għall-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel** *(notifikata bid-dokument C(2013) 3554)* ([1]) ..... 17

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar- rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill- pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE** (ĠU L 294, 6.11.2013) ..... 35

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Novembru 2013**

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet**

(2014/15/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet għandhom ikunu stipulati fi ftehim li jistabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni possibbli fil-futur, pjuttost milli jiġu definiti każ b'każ għal kull operazzjoni kkonċernata.

(2) Wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Novembru 2012 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nnegozjat ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet ("il-Ftehim").

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex ikun jorbot lill-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim. [1]

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

TRADUZZJONI

**FTEHIM**

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fl-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet**

L-UNJONI EWROPEA (l-"Unjoni") jew (l-"UE")

min-naħa l-waħda,

u

IL-ĠEORĠJA

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin il-"Partijiet",

BILLI:

(1) L-Unjoni tista' tiddeċiedi li tieħu azzjoni fil-qasam tal-immaniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi jew l-operazzjonijiet umanitarji.

(2) L-Unjoni ser tiddeċiedi jekk Stati terzi jiġux mistiedna jipparteċipaw f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi. Il-Ġeorġja tista' taċċetta l-istedina mill-Unjoni u toffri l-kontribuzzjoni tagħha. F'dak il-każ, l-Unjoni tiddeċiedi dwar jekk taċċettax dik il-kontribuzzjoni proposta.

(3) Il-kondizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet għall-immaniġġar ta' kriżijiet tal-UE għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim li jistabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni possibbli fil-futur, aktar milli jiġu definiti fuq bażi ta' każ b'każ għal kull operazzjoni konċernata.

(4) Tali ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni, u ma għandux jippreġudika n-natura speċifika tad-Deċiżjoni tal-Ġeorġja li tipparteċipa f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, f'konformità mas-sistema legali tagħha.

(5) Tali ftehim għandu jindirizza biss operazzjonijiet tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet fil-futur u għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull ftehim li possibbilment ikun diġà jeżisti, li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, li tkun diġà ġiet mobilizzata.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Deċiżjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni**

1. Wara deċiżjoni tal-Unjoni li tistieden lill-Ġeorġja biex tipparteċipa f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet, u ladarba l-Ġeorġja tkun iddeċidiet li tipparteċipa, il-Ġeorġja għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni proposta tagħha lill-Unjoni.

2. Il-valutazzjoni mill-Unjoni tal-kontribuzzjoni proposta mill-Ġeorġja għandha ssir b'konsultazzjoni ma' din tal-aħħar.

3. L-Unjoni għandha tipprovdi lill-Ġeorġja b'indikazzjoni bikrija tal-kontribuzzjoni probabbli għall-ispejjeż komuni tal-operazzjoni mill-aktar fis possibbli bil-ħsieb li tgħin lill-Ġeorġja fil-formulazzjoni tal-offerta tagħha.

4. L-Unjoni għandha tikkomunika l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni lill-Ġeorġja bil-miktub bil-ħsieb li tiżgura l-parteċipazzjoni tagħha skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

**Qafas**

1. Abbażi tad-Deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 1(1), il-Ġeorġja għandha tassoċja ruħha mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li biha l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li l-Unjoni ser twettaq l-operazzjoni għall-immaniġġar ta' kriżi, u ma' kwalunkwe Deċiżjoni oħra li biha l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe arranġament ta' implimentazzjoni meħtieġ ieħor.

2. Il-kontribuzzjoni tal-Ġeorġja għal operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni.

3. Id-deċiżjoni li tintemm l-operazzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-Ġeorġja jekk hija tkun għadha qed tikkontribwixxi għall-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fid-data tat-terminazzjoni tal-operazzjoni.

*Artikolu 3*

**Status tal-persunal u tal-forzi**

1. L-istatus tal-persunal issekondat għal operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi u/jew tal-forzi kkontribwiti lil operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi mill-Ġeorġja għandu jkun irregolat mill-ftehim dwar l-istatus tal-forzi/missjoni, jekk ikun konkluż, bejn l-Unjoni u l-Istat(i) li fihom titwettaq l-operazzjoni.

2. L-istatus tal-persunal ikkontribwit għall-kwartieri ġenerali jew elementi ta' kmand li jinsabu barra l-Istat(i) li fih(om) issir operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, għandu jkun irregolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand ikkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ftehim dwar l-istatus tal-forzi/missjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Ġeorġja għandha teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-persunal tagħha li jipparteċipa fl-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi. Fejn il-forzi tal-Ġeorġja joperaw abbord bastiment jew inġenju tal-ajru ta' Stat Membru tal-UE, dan l-Istat tal-aħħar għandu jeżerċita ġurisdizzjoni f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 5, u soġġett għall-privileġġi u l-immunitajiet applikabbli, il-Ġeorġja għandha tkun responsabbli li twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tagħha f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, minn jew dwar il-persunal Ġeorġjan, u għandha tkun responsabbli li tressaq kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari azzjoni legali jew dixxiplinarja, kontra kwalunkwe membru mill-persunal tagħha f'konformità mal-liġi Ġeorġjana.

5. Il-Partijiet jaqblu li jirrinunzjaw għall-pretensjonijiet kollha, ħlief għal dawk kuntrattwali, kontra xulxin għal dannu, telf jew distruzzjoni ta' assi ta' proprjetà ta', jew operati minn, Parti jew oħra, jew għall-korriment jew mewt ta' persunal ta' Parti jew oħra, li jirriżultaw mit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom konnessi mal-attivitajiet taħt dan il-Ftehim, ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba ħażina volontarja.

6. Il-Ġeorġja tieħu l-impenn li tagħmel dikjarazzjoni, abbażi ta' reċiproċità, fir-rigward tar-rinunzja għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat parteċipanti f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi li fiha tipparteċipa l-Ġeorġja, u li tagħmel dan meta tiffirma dan il-Ftehim.

7. L-Unjoni tieħu l-impenn li tiżgura li l-Istati Membri tal-UE jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja għal pretensjonijiet, għal kwalunkwe parteċipazzjoni futura tal-Ġeorġja f'operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, u li tagħmel dan meta tiffirma dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Informazzjoni klassifikata**

1. Il-Ġeorġja għandha tieħu miżuri adatti sabiex tiżgura li l-informazzjoni klassifikata tal-UE tkun protetta skont ir-Regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE ([1]), u skont linji gwida ulterjuri maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fir-rigward ta' operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi jew mill-Kap tal-Missjoni tal-UE fir-rigward ta' operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

2. Ladarba l-Partijiet ikunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, dak il-ftehim għandu japplika fil-kuntest ta' operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU UE L 141, 27.5.2011, p. 17).

TAQSIMA II

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR PARTEĊIPAZZJONI F'OPERAZZJONIJIET ĊIVILI GĦALL-IMMANIĠĠAR TA' KRIŻIJIET**

*Artikolu 5*

**Persunal issekondat lil operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi**

1. Il-Ġeorġja:

(a) għandha tiżgura li l-persunal tagħha ssekondat lil operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi jwettaq il-missjoni tiegħu f'konformità ma':

(i) id-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-emendi sussegwenti kif imsemmija fl-Artikolu 2(1);

(ii) il-Pjan tal-Operazzjoni;

(iii) il-miżuri ta' implimentazzjoni.

(b) għandha tinforma fi żmien debitu lill-Kap tal-Missjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") bi kwalunkwe bidla fil-kontribuzzjoni tagħha lill-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, inkluża t-terminazzjoni jew is-sospensjoni tal-parteċipazzjoni tagħha.

2. Persunal issekondat għal operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għandhom isirulu eżami mediku u vaċċinazzjoni u għandu jkun ċertifikat b'mod mediku li hu b'saħħtu għax-xogħol minn awtoritá kompetenti mill-Ġeorġja. Il-persunal issekondat għal operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għandu jipproduċi kopja ta' dik iċ-ċertifikazzjoni.

*Artikolu 6*

**Linja ta' kmand**

1. Il-persunal issekondat mill-Ġeorġja għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jġib ruħu unikament b'kont meħud tal-interessi tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

2. Il-persunal Ġeorġjan kollu li jikkontribwixxi għal operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għandu jibqa' taħt l-awtorità ġenerali jew, fil-każ ta' persunal militari, il-kmand totali tal-Ġeorġja.

3. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kontroll operattiv lill-Kmandant Ċivili tal-Operazzjoni tal-UE.

4. Il-Kmandant Ċivili tal-Operazzjoni tal-UE għandu jassumi r-responsabbiltà u jeżerċita l-kmand u l-kontroll tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-livell strateġiku.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jassumi r-responsabbiltà u jeżerċita l-kmand u l-kontroll tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fuq il-post u jassumi l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha.

6. Il-Ġeorġja għandha jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' amministrazzjoni ta' kuljum tal-operazzjoni bħall-Istati Membri tal-UE li jkunu qed jipparteċipaw fl-operazzjoni, f'konformità mal-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 2(1).

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari tal-persunal tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi. Fejn ikun meħtieġ, għandha tittieħed azzjoni dixxiplinarja mill-awtorità nazzjonali kkonċernata.

8. Għandu jinħatar Punt ta' Kuntatt tal-Kontinġent Nazzjonali ("NPC") mill-Ġeorġja biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tiegħu fl-operazzjoni. L-NPC għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet nazzjonali u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent.

*Artikolu 7*

**Aspetti finanzjarji**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, il-Ġeorġja għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni minbarra l-ispejjeż kurrenti, kif stabbiliti fil-baġit operattiv tal-operazzjoni.

2. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew ħsara lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih(om) titwettaq l-operazzjoni, il-Ġeorġja għandha, meta r-responsabbiltá tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skont il-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim applikabbli dwar l-status tal-missjoni msemmi fl-Artikolu 3 (1).

*Artikolu 8*

**Kontribuzzjoni għall-baġit operattiv**

1. Il-Ġeorġja għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-baġit operattiv tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

2. Tali kontribuzzjoni għall-baġit operattiv għandha tiġi kkalkolata abbażi ta' waħda miż-żewġ formoli li ġejjin, skont liema tipproduċi l-ammont aktar baxx:

(a) is-sehem tal-ammont ta' referenza li jkun ugwali għall-proporzjon tad-dħul nazzjonali gross (minn hawn 'il quddiem "DNG") tal-Ġeorġja fit-total tad-DNG tal-Istati kollha li jkunu qegħdin jikkontribwixxu għall-baġit operattiv tal-operazzjoni; jew

(b) is-sehem tal-ammont ta' referenza għall-baġit operattiv li jkun ugwali għall-proporzjon tan-numru tal-persunal mill-Ġeorġja parteċipanti fl-operazzjoni mqabbel man-numru totali tal-persunal tal-Istati kollha parteċipanti fl-operazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2 hawn fuq, il-Ġeorġja m'għandha tagħmel l-ebda kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' għotjiet per diem imħallsa lill-persunal tal-Istati Membri tal-UE.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-Unjoni għandha, fil-prinċipju, teżenta lill-Ġeorġja minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal operazzjoni ċivili partikolari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi meta:

(a) l-Unjoni tiddeċiedi li l-Ġeorġja tipprovdi kontribuzzjoni sinifikattiva li hija essenzjali għal dik l-operazzjoni; jew

(b) il-Ġeorġja jkollha DNG per capita li ma jaqbiżx dak ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE.

5. Għandu jiġi ffirmat arranġament dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-Ġeorġja għall-baġit operattiv tal-operazzjoni ċivili tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, bejn il-Kap tal-Missjoni u l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti tal-Ġeorġja. Dak l-arranġament għandu, inter alia, jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(b) l-arranġamenti għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja; u

(c) il-proċedura tal-awditjar.

TAQSIMA III

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR PARTEĊIPAZZJONI F'OPERAZZJONIJIET MILITARI GĦALL-IMMANIĠĠAR TA' KRIŻIJIET**

*Artikolu 9*

**Parteċipazzjoni f'operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi**

1. Il-Ġeorġja għandha tiżgura li l-forzi tagħha u l-persunal parteċipanti f'operazzjoni militari tal-UE għall-immmaniġġar ta' kriżi jidħlu għall-missjoni tagħhom b'mod konformi ma':

(a) id-Deċiżjoni tal-Kunsill u emendi sussegwenti kif previst fl-Artikolu 2(1);

(b) il-Pjan tal-Operazzjoni;

(c) il-miżuri ta' implimentazzjoni.

2. Il-persunal issekondat mill-Ġeorġja għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jġib ruħu unikament b'kont meħud tal-interessi tal-operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

3. Il-Ġeorġja għandha tinforma lill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fi żmien debitu dwar kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni, inkluża t-terminazzjoni jew is-sospensjoni tal-parteċipazzjoni.

*Artikolu 10*

**Linja ta' kmand**

1. Il-forzi u l-persunal Ġeorġjani kollha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għandhom jibqgħu taħt il-kmand totali, jew fil-każ tal-persunal ċivili, l-awtorità ġenerali, tal-Ġeorġja.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand operattiv u tattiku u/jew il-kontroll tal-forzi u tal-persunal tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE, li għandu d-dritt li jiddelega l-awtorità tiegħu.

3. Il-Ġeorġja għandha jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini tal-immaniġġar ta' kuljum tal-operazzjoni bħal Stati Membri tal-UE parteċipanti.

4. Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE jista', wara konsultazzjonijiet mal-Ġeorġja, fi kwalunkwe ħin jitlob l-irtirar tal-kontribuzzjoni tal-Ġeorġja.

5. Il-Ġeorġja għandha taħtar Rappreżentant Militari Għoli ("SMR") biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forzi tal-UE dwar il-materji kollha li jaffettwaw l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent Ġeorġjan.

*Artikolu 11*

**Aspetti finanzjarji**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, il-Ġeorġja għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż ma jkunux suġġetti għal finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 2(1), kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/871/PESK ([1]).

2. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew ħsara lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih(om) titwettaq l-operazzjoni, il-Ġeorġja għandha, meta r-responsabbiltá tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skont il-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim applikabbli dwar l-istatus tal-forzi, imsemmi fl-Artikolu 3(1).

*Artikolu 12*

**Kontribuzzjoni għall-ispejjeż komuni**

1. Il-Ġeorġja għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjoni militari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi.

2. Tali kontribuzzjoni għall-ispejjeż komuni għandha tiġi kkalkolata abbażi ta' waħda miż-żewġ formoli li ġejjin, skont liema waħda tipproduċi l-ammont aktar baxx:

(a) is-sehem tal-ispejjeż komuni li jkun proporzjonali għall-proporzjon tad-DNG tal-Ġeorġja fit-total tad-DNG tal-Istati kollha li jkunu qegħdin jikkontribwixxu għall-ispejjeż komuni tal-operazzjoni; jew

(b) is-sehem tal-ispejjeż komuni li jkun proporzjonali għall-proporzjon tan-numru tal-persunal mill-Ġeorġja parteċipanti fl-operazzjoni għan-numru totali ta' persunal tal-Istati kollha parteċipanti fl-operazzjoni.

Fejn tintuża l-formula taħt il-punt (b) u l-Ġeorġja tikkontribwixxi biss persunal għall-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni jew tal-Forza, il-proporzjon użat għandu jkun dak tal-persunal tiegħu għal dak tan-numru totali tal-persunal rispettiv fil-kwartieri ġenerali. F'każijiet oħra, il-proporzjon għandu jkun dak tal-persunal kollu kontribwit mill-Ġeorġja għal dak tal-persunal totali tal-operazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-Unjoni għandha, fil-prinċipju, teżenta lill-Ġeorġja minn kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-ispejjeż komuni ta' operazzjoni militari partikolari tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi meta:

(a) l-Unjoni tiddeċiedi li l-Ġeorġja tipprovdi kontribuzzjoni sinifikanti għall-assi u/jew għall-kapaċitajiet li jkunu essenzjali għal dik l-operazzjoni; jew

(b) il-Ġeorġja jkollha DNG per capita li ma jaqbiżx dak ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE.

4. Għandu jiġi konkluż arranġament mal-Amministratur previst fid-Deċiżjoni 2011/871/PESK, u mal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Ġeorġja. Dan l-arranġament għandu jinkludi, inter alia, dispożizzjonijiet dwar:

(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(b) l-arranġamenti għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja; u

(c) il-proċedura tal-awditjar.

TAQSIMA IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 13*

**Arranġamenti biex jiġi implimentat il-Ftehim**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8(5) u 12(4), kwalunkwe arranġament tekniku u amministrattiv meħtieġ għall-fini tal-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet.

*Artikolu 14*

**Nuqqas ta' konformità**

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma mal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim, il-Parti l-oħra jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim permezz ta' avviż bil-quddiem bil-miktub ta' xahar.

*Artikolu 15*

**Riżoluzzjoni ta' tilwim**

Tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi riżolt b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ, tul ta' żmien u terminazzjoni**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri legali interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. Dan il-Ftehim għandu jkun soġġett għal reviżjoni regolari.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat abbażi ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi ddenunzjat minn kwalunkwe Parti b'notifika bil-miktub ta' denunzja mogħtija lill-Parti l-oħra. Tali denunzja għandha jkollha effett sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tirċieviha.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati rispettivament, iffirmaw dan il-Ftehim.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/871/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (ATHENA) (ĠU UE L 343, 23.12.2011, p. 35).

Dan il-Ftehim qiegħed isir bil-lingwa Ingliża u dik Ġeorġjana, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi. Fil-każ ta' tilwim dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandu jgħodd it-test Ingliż.

Magħmul f'Vilnius, fid-disgħa u għoxrin jum ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax bil-lingwa Ingliża u dik Ġeorġjana, f'żewġ kopji.

*Għall-Unjoni Ewropea* *Għall-Ġeorġja*

**Dikjarazzjoni mill-istati membri tal-UE**

"L-Istati Membri tal-UE li japplikaw Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE dwar operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, li fiha tipparteċipa l-Ġeorġja, ser jagħmlu ħilithom, sa fejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu, biex jirrinunzjaw sa fejn ikun possibbli minn kwalunkwe pretensjoni kontra l-Ġeorġja għal korriment, mewt ta' persunal tagħhom, jew ħsara lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkun proprjetà tagħhom u użat mill-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, ħsara jew telf:

— ikunu kkawżati minn persunal mill-Ġeorġja fl-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom b'konnessjoni mal-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġiba ħażina volontarja; jew

— jirriżultaw mill-użu ta' kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tal-Ġeorġja, sakemm l-assi ġew użati b'konnessjoni mal-operazzjoni u ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġiba ħażina volontarja tal-persunal tal-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi mill-Ġeorġja li kien qed juża dawk l-assi.".

**Dikjarazzjoni mill-Ġeorġja**

"Il-Ġeorġja waqt li tapplika Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE dwar operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi ser tagħmel ħilitha, sa fejn is-sistema legali interna tagħha hekk tippermetti, sabiex tirrinunzja, sa fejn ikun possibbli, għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat li jipparteċipa fl-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi għal korriment, mewt ta' persunal tagħha, jew dannu lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tagħha u użati mill-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— ikunu kkawżati minn persunal fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom b'konnessjoni mal-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġiba ħażina volontarja; jew

— jirriżultaw mill-użu ta' kwalunkwe assi li jkunu proprjetà ta' Stati parteċipanti fl-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, dment li l-assi ntużaw b'konnessjoni mal-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġiba ħażina volontarja tal-membri tal-persunal tal-operazzjoni tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżi li kien qiegħed juża dawk l-assi.".

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 40/2014

**tas-17 ta' Jannar 2014**

**li jawtorizza ċerti dikjarazzjonijiet sanitarji dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 18(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li d-dikjarazzjonijiet sanitarji fuq l-ikel huma pprojbiti ħlief meta tawtorizzahom il-Kummissjoni skont dan ir-Regolament u jkunu inklużi f'lista ta' dikjarazzjonijiet permessi.

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 ([2]) li jistabbilixxi lista ta' dikjarazzjonijiet sanitarji fuq l-ikel li huma permessi ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet sanitarji għandhom iressquhom l-operaturi tan-negozji tal-ikel lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità" għal valutazzjoni xjentifika, kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-informazzjoni.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sanitarji filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Awtorità.

(5) Id-dikjarazzjonijiet sanitarji bbażati fuq evidenza xjentifika li tkun għandha kemm ġiet żviluppata u/jew li jkunu jinkludu talba għall-protezzjoni tad-dejta riżervata għandhom jgħaddu minn tip ta' awtorizzazzjoni mgħaġġla ħalli tiġi stimulata l-innovazzjoni.

(6) Wara applikazzjoni mingħand il-kumpanija Nordic Sugar A/S li tressqet skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet opinjoni dwar dikjarazzjoni sanitarja relatata mal-effetti tal-fibra tal-pitravi u ż-żieda fil-ħin tat-tranżitu intestinali (Mistoqsija bin-numru EFSA-Q-2011-00972) ([3]). Id-dikjarazzjoni li pproponа l-applikant kienet tgħid hekk: "Il-fibra tal-pitravi żżid il-ħin tat-tranżitu intestinali".

(7) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità li kkonkludiet li skont id-dejta mressqa nstabet rabta ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-fibra tal-pitravi u l-effett dikjarat. Għaldaqstant, dikjarazzjoni sanitarja li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies li tkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tad-dikjarazzjonijiet permessi li stabbilixxa r-Regolament (UE) Nru 432/2012.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1).

([3]) *EFSA Journal* 2011; 9(12):2468.

(8) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 hu li jiżgura li d-dikjarazzjonijiet sanitarji jkunu veri, ċari, affidabbli u siewja għall-konsumatur, u li għal dan il-għan, jitqiesu l-mod kif jitqiegħed il-kliem u l-preżentazzjoni. Għalhekk, meta l-kliem li juża l-applikant fid-dikjarazzjonijiet ikollu l-istess tifsira għall-konsumaturi bħal dak ta' dikjarazzjoni sanitarja awtorizzata, għax ikun juri l-istess relazzjoni li hemm bejn kategorija ta' ikel, tip ta' ikel jew xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu bħal dawk elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(9) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ir-Reġistru tad-dikjarazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li fih kull dikjarazzjoni sanitarja awtorizzata għandu jiġi aġġornat biex iqis dan ir-Regolament.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 432/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(11) L-Istati Membri ġew ikkonsultati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-dikjarazzjoni sanitarja stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tad-dikjarazzjonijiet permessi kif jistabbilixxi l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 tiddaħħal din l-annotazzjoni f'ordni alfabetika:

| Nutrijent, sustanza, tip ta' ikel jew kategorija ta' ikel | Dikjarazzjoni | Kundizzjonijiet tal-użu tad-dikjarazzjoni | Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tip ta' ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali | Numru tal-EFSA Journal | Numru tal-annotazzjoni rilevanti fil-Lista Konsolidata mressqa lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha |
|---|---|---|---|---|---|
| "Il-fibra tal-pitravi | Il-fibra tal-pitravi tgħin biex jiżdied il-ħin tat-tranżitu intestinali | Id-dikjarazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun għani fil-fibra kif jissemma fid-dikjarazzjoni 'GĦOLI FIL-FIBRA' kif jelenka l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. | | 2011; 9(12):2468" | |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 41/2014

## tas-17 ta' Jannar 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 69,6 |
| | IL | 182,0 |
| | MA | 64,3 |
| | TN | 99,0 |
| | TR | 95,0 |
| | ZZ | 102,0 |
| 0707 00 05 | MA | 124,7 |
| | TR | 160,3 |
| | ZZ | 142,5 |
| 0709 91 00 | EG | 82,2 |
| | ZZ | 82,2 |
| 0709 93 10 | MA | 63,0 |
| | TR | 108,5 |
| | ZZ | 85,8 |
| 0805 10 20 | EG | 46,8 |
| | MA | 59,6 |
| | TR | 59,2 |
| | ZA | 52,9 |
| | ZZ | 54,6 |
| 0805 20 10 | IL | 167,2 |
| | MA | 70,3 |
| | ZZ | 118,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CL | 63,3 |
| | IL | 139,7 |
| | JM | 62,4 |
| | KR | 142,4 |
| | MA | 83,3 |
| | TR | 74,3 |
| | ZZ | 94,2 |
| 0805 50 10 | EG | 67,3 |
| | TR | 73,6 |
| | ZZ | 70,5 |
| 0808 10 80 | CN | 65,1 |
| | MK | 32,8 |
| | US | 134,8 |
| | ZZ | 77,6 |
| 0808 30 90 | CN | 65,3 |
| | TR | 144,6 |
| | US | 176,0 |
| | ZZ | 128,6 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUBAM LIBYA/1/2014

**tal-14 ta' Jannar 2014**

**dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)**

(2014/16/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri (KtK) għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya).

(2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 stabbilixxew il-prinċipji gwida u l-arranġamenti għall-kontribuzzjonijiet minn Stati terzi għall-missjonijiet tal-pulizija. Fl-10 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill approva d-dokument intitolat 'Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' Stati mhux fl-UE għall-operazzjonijiet ċivili tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet' li kompla jiżviluppa l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi fl-operazzjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-istabbiliment ta' KtK.

(3) Il-KtK għandu jkun forum għad-diskussjoni tal-problemi kollha relatati mal-ġestjoni ta' EUBAM Libya mal-Istati terzi li jikkontribwixxu. Il-KPS, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUBAM Libya, għandu jieħu kont tal-fehmiet espressi mill-KtK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment u termini ta' referenza**

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat ta' Kontributuri (KtK) għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya).

2. It-termini ta' referenza tal-KtK huma stabbiliti fid-dokument intitolat 'Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' Stati mhux fl-UE għall-operazzjonijiet ċivili tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet'.

*Artikolu 2*

**Kompożizzjoni**

1. Il-membri tal-KtK għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— rappreżentanti tal-Istati Membri kollha, u

— rappreżentanti ta' Stati terzi li jipparteċipaw fl-EUBAM Libya u li jipprovdu kontribuzzjonijiet.

2. Rappreżentant tal-Kummissjoni jista' wkoll jattendi għal-laqgħat tal-KtK.

*Artikolu 3*

**Informazzjoni mill-Kap tal-Missjoni**

Il-Kap tal-Missjoni għandu jittrasmetti regolarment informazzjoni lill-KtK.

*Artikolu 4*

**Presidenza**

Il-KtK għandu jkun ippresedut mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jew ir-rappreżentant tiegħu jew tagħha.

*Artikolu 5*

**Laqgħat**

1. Il-KtK għandu jitlaqqa' mill-President fuq bażi regolari. Meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan, jistgħu jissejħu laqgħat ta' emerġenza fuq inizjattiva tal-President, jew fuq talba ta' membru.

2. Il-President għandu jiċċirkola minn qabel aġenda provviżorja u dokumenti relatati mal-laqgħa. Il-President għandu jkun responsabbli biex iwassal lill-KPS l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-KtK.

[1] ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15

*Artikolu 6*

**Kunfidenzjalità**

1. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 ([1]), ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom japplikaw għal-laqgħat u l-proċedimenti tal-KtK. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti fil-KtK għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni adegwata ta' sigurtà.

2. Id-deliberazzjonijiet fil-KtK għandhom ikunu koperti bl-obbligu ta' segretezza professjonali, sakemm il-KtK ma jiddeċidix unanimament mod ieħor.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUBAM LIBYA/2/2014

## tal-14 ta' Jannar 2014

## dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' Pajjiżi terzi għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)

(2014/17/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet għall-EUBAM Libya minn Stati terzi.

(2) Il-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet irrakkomanda li l-KPS jaċċetta l-kontribuzzjoni proposta mill-Konfederazzjoni Svizzera għal EUBAM Libya u jqisha bħala waħda sinifikanti.

(3) Il-Konfederazzjoni Svizzera għandha tiġi eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUBAM Libya,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kontribuzzjonijiet ta' Stati Terzi**

1. Il-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) hija aċċettata u għandha tkun meqjusa bħala waħda sinifikanti.

2. Il-Konfederazzjoni Svizzera għandha tkun eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUBAM Libya.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
W. STEVENS

[1] ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP SAHEL NIGER/1/2014**

**tal-14 ta' Jannar 2014**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)**

(2014/18/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) [1],

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niger ( EUCAP Sahel Niger), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap ta' Missjoni.

(2) Fit-12 ta' Novembru 2013, il-KPS adotta d-deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2013 [2], biex ħatar lis-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, *ad interim*, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Fil-5 ta' Diċembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, *ad interim*, mill-1 ta' Jannar 2014 sal-ħatra tal-Kap il-ġdid tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) huwa b'dan estiż sal-ħatra tal-Kap il-ġdid tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

(1) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

(2) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP SAHEL Niger/2/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 305, 15.11.2013, p. 18).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta' Ġunju 2013

## dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.30753 (C 34/10) (ex N 140/10) li Franza bħsiebha timplimenta għall-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel

*(notifikata bid-dokument C(2013) 3554)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/19/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont dawn l-Artikoli [2], u wara li ġew ikkunsidrati dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

### 1. IL-PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittra tat-13 ta' April 2010, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni bil-proposta li tiddaħħal taxxa parafiskali fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn bil-ħsieb li tiġi ffinanzjata missjoni ta' servizz pubbliku fdata f'idejn il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

(2) Permezz tal-ittra tas-17 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura kif previst fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni ta' ftuħ") rigward din l-għajnuna.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din il-miżura.

(4) Franza ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ fit-18 ta' Jannar 2011.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet bosta osservazzjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati (ara t-tabella 1 hawn taħt):

*Tabella 1*

**Partijiet interessati**

| Pożizzjoni | Entità | Deskrizzjoni qasira | Data |
|---|---|---|---|
| Favur il-miżura | **Cheval Français** | Kumpanija prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel tat-trott | 11.2.2011 |
| | **France Galop** | Kumpanija prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-galopp u tal-qbiż | 11.2.2011 |
| | **Laboratoire des Courses Hippiques** | Assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li twettaq testijiet ta' kontroll kontra d-doping iffinanzjati għal kollox mill-kumpaniji prinċipali | 11.2.2011 |

[1] B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma, fis-sustanza, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, referenza għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandha tinftiehem bħala referenza għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, rispettivament, fejn dan ikun xieraq. It-TFUE introduċa wkoll ċerti emendi fit-terminoloġija, bħas-sostituzzjoni ta' "Komunità" bit-terminu "Unjoni", ta' "suq komuni" bit-terminu "suq intern" u ta' "Qorti tal-Prim Istanza" bit-terminu "Qorti Ġenerali". It-terminoloġija tat-TFUE hija użata f'din id-Deċiżjoni.

[2] ĠU C 10, tal-14 ta' Jannar 2010, p. 4.

[3] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 2.

| Pożizzjoni | Entità | Deskrizzjoni qasira | Data |
|---|---|---|---|
| | **Association de Formation et d'Action sociale des Ecuries de courses** | Assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li ssegwi missjoni ta' taħriġ professjonali u ta' azzjoni soċjali fil-qasam tat-tiġrijiet taż-żwiemel u li tirċievi 60 % tal-finanzjament tagħha mill-kumpaniji prinċipali | 11.2.2011 |
| | **Union Européenne du Trot** | Organizzazzjoni li tiġbor fiha l-federazzjonijiet nazzjonali taż-żwiemel tat-trott f'19-il pajjiż Ewropew | 9.2.2011 |
| | **European and Mediterranean Horseracing Federation** | Federazzjoni ta' 18-il awtorità tal-qasam tat-tiġrijiet taż-żwiemel (li minnhom, hemm 14 li huma Ewropej) li għandha l-għan li tippromwovi t-tiġrijiet taż-żwiemel. France Galop tirrappreżenta lil Franza f'din il-federazzjoni. | 14.2.2011 |
| Kontra l-miżura | **European Gaming & Betting association** | Assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, irregolata mil-liġi Belġjana, li tgħaqqad operaturi Ewropej fil-qasam tal-logħob tal-azzard | 14.2.2011 |
| | **Anonima** | Mhux Disponibbli | 14.2.2011 |

(6) L-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati ntbagħtu lil Franza fit-28 ta' Frar 2011. Franza għamlet il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati fl-4 ta' April 2011.

(7) Fit-12 ta' April 2011, il-Kummissjoni bagħtet talba għal tagħrif lill-awtoritajiet Franċiżi.

(8) Fl-4 ta' Mejju 2011, saret laqgħa ta' ħidma bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi.

(9) Permezz ta' ittra tal-11 ta' Mejju 2011, Franza talbet li tingħata aktar żmien biex twieġeb għall-mistoqsijiet tat-12 ta' April 2011, u l-Kummissjoni approvat din it-talba permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2011. Franza wieġbet għal dawn il-mistoqsijiet fl-20 ta' Ġunju 2011.

(10) Fil-11 ta' Lulju 2011 u fid-9 ta' Diċembru 2011 saru laqgħat ta' ħidma bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi.

(11) Franza ppreżentat abbozz tal-emenda tan-notifika inizjali fl-14 ta' Diċembru 2011.

(12) Fis-16 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni bagħtet xi mistoqsijiet lil Franza dwar il-miżura l-ġdida li ġiet ippreżentata. L-awtoritajiet Franċiżi wieġbu fl-1 ta' Marzu 2012.

(13) Fit-30 ta' Marzu 2012 saret laqgħa ta' ħidma bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi abbażi tal-miżura l-ġdida proposta mill-awtoritajiet Franċiżi.

(14) Wara xi talbiet għal emendi f'din il-miżura l-ġdida mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew elementi addizzjonali fis-6 ta' Diċembru 2012, fil-21 ta' Jannar 2013 u fis-27 ta' Frar 2013.

(15) Fid-29 ta' April, l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw uffiċjalment lill-Kummissjoni b'emenda għan-notifika tat-13 ta' April 2010 li tinkludi l-miżura l-ġdida li ġiet diskussa mad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA KIF KIENET INIZJALMENT NOTIFIKATA

### 2.1. Kuntest: ftuħ għall-kompetizzjoni tal-qasam tal-logħob tal-azzard

(16) Franza fetħet il-qasam tal-logħob tal-azzard onlajn għall-kompetizzjoni permezz tal-liġi Nru 2010-476 tat-12 ta' Mejju 2010 dwar il-ftuħ għall-kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni tal-qasam tal-logħob tal-azzard onlajn (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-liġi tat-12 ta' Mejju 2010").

(17) L-għan tal-liġi tat-12 ta' Mejju 2010 kien li twaqqaf l-offerta illegali ta' logħob tal-azzard li dejjem qed tikber fuq l-internet. Tliet tipi ta' logħob, magħżula għall-popolarità tagħhom mal-lagħaba u għax iġorru l-inqas riskju f'termini ta' vizzju, infetħu għall-kompetizzjoni: l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, l-imħatri fuq l-isports u l-logħob tal-poker onlajn.

(18) L-operaturi tal-logħob tal-azzard jew tal-imħatri onlajn għandu jkolhom awtorizzazzjoni, maħruġa għal ħames snin u skont ċerti kundizzjonijiet mill-awtorità regolatorja Franċiża għal-logħob tal-azzard onlajn (ARJEL), awtorità amministrattiva indipendenti li nħolqot permezz tal-liġi tat-12 ta' Mejju 2010.

(19) Wara l-ftuħ tal-logħob onlajn għall-kompetizzjoni, fl-24 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni għalqet [4] il-proċedura ta' ksur imressqa kontra Franza. Din il-proċedura ta' ksur [5] kienet ġiet imnedija fl-2006 għaliex il-Kummissjoni qieset li r-restrizzjonijiet imposti minn Franza fuq is-servizzi pprovduti mill-operaturi barranin kienu sproporzjonati. Fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' ksur, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata fl-2007 [6].

[4] Ara b'mod partikolari IP/10/1597.
[5] Ara b'mod partikolari IP/06/1362.
[6] Ara b'mod partikolari IP/07/909.

(20) Qabel il-ftuħ għall-kompetizzjoni, il-monopolju tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel barra mill-korsiet tat-tiġrijiet taż-żwiemel kien f'idejn il-PMU (Pari mutuel urbain) li huwa raggruppament ta' interess ekonomiku ([7]) magħmul minn żewġ kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet ([8]) u 49 kumpanija provinċjali tat-tiġrijiet taż-żwiemel (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom b'mod konġunt bħala Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel), kemm għall-imħatri onlajn fuq l-internet kif ukoll għall-imħatri li jsiru direttament f'fergħa tal-bejgħ tal-PMU jew l-imħatri li jsiru fil-korsiet tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

(21) Fil-ħin tan-notifika fl-2010, il-flus li ntlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, miġbura mill-PMU, l-operatur ewlieni tat-totalizzatur fl-Ewropa u t-tieni fid-dinja, kienu jammontaw għal EUR 9 342 miljun. Fl-2010, il-PMU ġġenera 8,5 % ([9]) tal-fatturat tiegħu onlajn. It-totalità tar-riżultat nett jitħallas lill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel, jiġifieri EUR 790,9 miljun, fl-2010 ([10]). Dan l-ammont iservi biex jiffinanzja 80 % tal-industrija taż-żwiemel (trobbija, ċentri tat-taħriġ, skejjel għall-isports biż-żwiemel…) li jimpjegaw madwar 74 000 persuna u jinsabu fir-reġjuni kollha b'total ta' 250 korsa taż-żwiemel.

### 2.2. L-għan tal-miżura kif kienet inizjalment notifikata

(22) Filwaqt li wieħed iqis l-importanza tal-PMU għall-finanzjament tal-industrija taż-żwiemel, l-awtoritajiet Franċiżi kienu mħassba li l-vijabilità ta' din l-industrija tkun taħt theddida jekk il-ftuħ għall-kompetizzjoni tal-logħob tal-azzard onlajn iwassal għal tnaqqis sinifikanti fid-dħul tal-PMU minħabba r-raġunijiet potenzjali li ġejjin:

— il-kompetizzjoni mill-operaturi l-oħra awtorizzati li joffru mħatri fuq iż-żwiemel onlajn;

— il-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni ta' mħatri sportivi onlajn, uħud minn dawk li jilagħbu l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel jistgħu jaqilbu biex jilagħbu mħatri sportivi, u dan kieku jbiddel l-istruttura tas-suq.

(23) Għaldaqstant, Franza ddeċidiet li tintroduċi taxxa parafiskali fuq l-imħatri fuq iż-żwiemel onlajn favur l-industrija taż-żwiemel sabiex tevita nuqqas ta' stabbiltà ekonomika permezz tal-ftuħ għall-kompetizzjoni u l-konsegwenzi negattivi potenzjali li jista' jkun hemm f'dan is-settur. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, it-taxxa parafiskali dwar l-imħatri fuq iż-żwiemel onlajn kienet tiffinanzja servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (minn hawn 'il quddiem "SIEĠ") fdat f'idejn il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel (ara l-Kapitolu 2.3).

(24) Id-dħul totali mit-taxxa li jinġabar mill-imħatri fuq iż-żwiemel onlajn kollha, inklużi dawk li jsiru mis-sit tal-internet tal-PMU, jitħallas lill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel (prorata għall-imħatri fuq kull speċjalità, tat-trott, tal-galopp u tal-qbiż) li wara jaqsmu l-ammont korrispondenti bejn il-benefiċjarji differenti ([11]). Dan id-dħul jikkumplimenta l-finanzjament li ġej mill-imħatri li jkunu saru direttament f'fergħat ta' bejgħ tal-PMU (minn hawn 'il quddiem imsejħa "imħatri diretti"). Abbażi tad-dejta finanzjarja għas-sena 2010, kien stmat li t-taxxa tista' tirrendi madwar EUR 64 miljun.

(25) Ir-rata tat-taxxa proposta għas-sena 2010 kienet ta' 8 % tal-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn ikkalkulata abbażi tad-dejta finanzjarja tal-2008 u tikkorrispondi mal-proporzjon bejn il-kost tal-obbligi tas-servizz pubbliku u t-total tal-flus kollha li jintlagħbu fl-imħatri onlajn u direttament fil-fergħat. Għaldaqstant, l-għan tar-rata tal-imposta kien li jkun hemm l-istess piż finanzjarju għall-finanzjament tal-attivitajiet tas-servizz pubbliku fuq il-PMU u l-operaturi l-oħra tal-logħob tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel. Ir-rata ta' din it-taxxa tista' tiġi riveduta skont il-bidliet tal-kosti tal-obbligi tas-servizz pubbliku u tal-flus għall-imħatri li jsiru fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel permezz ta' din il-formula:

$$\text{Rata tat-taxxa} = \frac{\text{Kost tal-obbligi tas-servizz pubbliku (sena N} - 2\ ([12]))}{\text{Il-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel (sena N} - 2)}$$

([7]) Raggruppament ekonomiku huwa struttura trasparenti li ma għandhiex kapital soċjali u li hija stabbilita permezz tal-membri tagħha sabiex tiġbor f'daqqa ċerti attivitajiet tagħhom.

([8]) Għal kull waħda mill-ispeċjalitajiet li madwarhom huma organizzati t-tiġrijiet taż-żwiemel (tat-Trott, tal-Galopp u tal-Qbiż), tiġi approvata kumpanija tat-tiġrijiet mill-Ministru għall-Agrikoltura bħala l-kumpanija prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel: għat-tiġrijiet tat-trott din il-kumpanija hija Cheval Français u għat-tiġrijiet tal-galopp u tal-qbiż il-kumpanija hija France Galop. Dawn il-kumpaniji prinċipali għandhom rwol ċentrali fl-organizzazzjoni tat-tiġrijiet tal-ispeċjalità tagħhom li fuqhom isiru l-imħatri.

([9]) 5,8 % fl-2008 u 7,2 % fl-2009.

([10]) EUR 736,4 miljun fl-2008, EUR 731,4 miljun fl-2009.

([11]) Il-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel huma responsabbli mit-tqassim tad-dħul tat-taxxa bejn il-benefiċjarji differenti: il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel (inklużi l-kumpaniji prinċipali nnifishom), il-federazzjoni nazzjonali Franċiża tat-tiġrijiet taż-żwiemel, il-laboratorju tat-tiġrijiet taż-żwiemel, ir-raggruppament tekniku tal-korsiet taż-żwiemel Pariġini, l-assoċjazzjoni tat-taħriġ u l-azzjoni soċjali tal-istalel tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-federazzjonijiet reġjonali.

([12]) Ir-referenza tkun is-sena N-2 għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-dejta finanzjarja meħtieġa biex tiġi kkalkulata r-rata tat-taxxa

Madankollu n-notifika speċifikat li din ir-rata għandha tibqa' bejn [7 %-9 %]. Il-formula ta' hawn fuq irriżultat f'rata ta' 8 % għas-sena 2012 abbażi tad-dejta finanzjarja tas-sena 2010 (ara l-premessa (113)).

(26) Minbarra d-dħul li ġej mill-imħatri miġbura fil-fergħat fiżiċi tal-PMU u t-taxxa parafiskali, għandu jiġi nnutat li l-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel jibbenefikaw ukoll minn dħul iġġenerat mill-attivitajiet tal-imħatri sportivi u tal-poker onlajn li għalihom il-PMU rċieva wkoll approvazzjoni wara l-ftuħ għall-kompetizzjoni tal-logħob tal-azzard onlajn.

(27) Kien previst li meta tinħareġ in-notifika tal-miżura, din it-taxxa parafiskali fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn tiżdied mat-tassazzjoni ġenerali ordinarja li tapplika għat-total tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti u onlajn. Il-kodiċi ġenerali tat-taxxa jispeċifika fil-fatt li l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel għandhom iħallsu taxxa ta' 5,7 % fuq il-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel [13].

### 2.3. **Il-missjoni tas-servizz pubbliku tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel**

(28) Skont in-notifika tal-awtoritajiet Franċiżi, il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel jipprovdu missjoni ta' servizz pubbliku li tinkludi l-elementi li ġejjin:

— It-titjib tal-ispeċi ekwina;

— Il-promozzjoni tat-trobbija;

— It-taħriġ fil-qasam tat-tiġrijiet u t-trobbija taż-żwiemel;

— L-iżvilupp rurali.

(29) Din il-missjoni, li ġeneralment hija fdata lill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet, tagħti rwol partikolari lill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet li għandhom rwol ċentrali fl-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel u fl-industrijataż-żwiemel kollha [14]. Cheval Français u France Galop għandhom b'mod partikolari responsabbiltajiet ewlenin fl-oqsma li ġejjin:

— It-tfassil u l-infurzar tal-kodiċi tat-tiġrijiet taż-żwiemel;

— Organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel;

— Kundizzjonijiet għall-attribuzzjoni u t-tqassim tal-għotjiet;

— Regolamentazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel u tal-industrija;

— Tagħmir meħtieġ għall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet;

— Għażla taż-żwiemel;

— Taħriġ professjonali.

(30) L-infurzar tal-missjoni tas-servizz pubbliku li ġiet fdata f'idejn il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel twettaq fil-prattika permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

— Id-distribuzzjoni tal-primjums u tal-benefiċċji lil dawk li jrabbu, il-propjetarji u l-ġerrejja marbuta maż-żwiemel li jkunu fit-tiġrijiet taż-żwiemel mill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel;

— L-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel mill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel inklużi l-manutenzjoni u l-bini tal-korsiet taż-żwiemel;

— L-ittestjar kontra d-doping fit-tiġrijiet taż-żwiemel mil-laboratorju tat-tiġrijiet taż-żwiemel (LCH);

— Attivitajiet ta' taħriġ mill-assoċjazzjoni tat-taħriġ u tal-azzjoni soċjali tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel (AFASEC) li tkopri kull aspett tat-tiġrijiet taż-żwiemel (ġerrej, il-persuna li ssuq, il-persuna li tħarreġ eċċ.).

(31) Il-kost totali nett ta' din il-missjoni tas-servizz pubbliku kien jammonta għal madwar EUR 747 miljun fl-2010 [15] (ara l-premessa (113)). Il-grafika ta' hawn taħt turi l-piż (f'termini ta' kosti) tal-attivitajiet ta' hawn fuq bħala proporzjon tal-kost totali.

[13] l-Artikolu 302a ZG tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa

[14] Id-Digriet Nru 2010-1314 tat-2 ta' Novembru 2010 dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-proċeduri ta' intervent tal-kumpaniji prinċipali.

[15] Li jikkorrispondi għall-kosti totali ta' EUR 775 miljun u dħul ta' EUR 28 miljun.

*Grafika 1*

**Tqassim tal-kosti tal-missjoni tas-servizz pubbliku (ċifri 2010)**




(32) L-akbar parti tal-kosti msejha tas-servizz pubbliku msemmija fin-notifika (ara l-figura 1) kienet tikkorrispondi għall-primjums u l-benefiċċji tal-2010 mogħtija lil dawk li jrabbu, lill-propjetarji u lill-ġerrejja (EUR 493 miljun li jirrappreżentaw madwar 63,6 % tal-kosti totali). It-tieni l-akbar parti tal-kosti kienet tikkorrispondi għall-kosti tal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel (EUR 244 miljun, li jirrappreżentaw madwar 31,48 % tal-kosti totali).

(33) Il-kost totali tal-missjoni tas-servizz pubbliku deskritta minn Franza fin-notifika, se jkun iffinanzjat għal kollox mid-dħul tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel li jkun ġej minn imħatri onlajn mill-PMU, imħatri diretti fil-fergħat ta' bejgħ tal-PMU, minn imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mill-korsiet u minn riżorsi proprji oħra tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel (bħall-ħlas għad-dħul fil-korsiet).

## 3. RAĠUNIJIET BIEX TINBEDA L-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(34) Il-Kummissjoni qieset li jeżistu l-elementi kollha li jikkostitwixxu l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat. Wara li esplorat il-possibbiltajiet offerti mir-regoli fis-seħħ, il-Kummissjoni ma identifikatx mod ċar li jippermetti li tiġi pprovduta l-kompatibbiltà tal-miżura notifikata mas-suq intern.

(35) B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji serji dwar il-kwalifikazzjoni tas-SIEĠ invokata minn Franza għall-missjoni fdata f'idejn il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u, konsegwenza ta' dan, dwar il-possibbiltà li l-miżura ta' għajnuna proposta tkun trattata bħal kumpens tas-servizz pubbliku u l-kompatibbiltà tagħha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 106(2) tat-TFUE u fuq il-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat f'forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku ([16]).

(36) Barra minn hekk, wara l-eżami preliminari li wettqet il-Kummissjoni, ma ħareġ l-ebda mod ċar li bih setgħet tiġi stabbilita l-kompatibbiltà. Fil-fatt, fid-dawl tat-tagħrif li għandha l-Kummissjoni, l-għajnuna proposta ma tidhirx li tissodisfa la l-kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà stipulati fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u lanqas il-kundizzjonijiet partikolari stipulati minn strumenti bħal-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali ([17]) jew il-linji gwida dwar l-agrikoltura ([18]).

(37) Barra minn hekk, meta wieħed iqis ir-rabta mill-qrib ħafna bejn il-miżura ta' għajnuna u l-ġbir tat-taxxa para-fiskali, kellha tkun assigurata wkoll il-konformità tat-taxxa ma' prinċipji oħra tat-Trattat u l-Kummissjoni baqa' jkollha xi dubji dwar il-kompatibbiltà tat-taxxa parafiskali mal-prinċipju ta' libertà li tipprovdi servizzi stipulati fl-Artikolu 56 tat-TFUE u mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 110 tat-TFUE.

## 4. MIŻURI TRANŻITORJI

(38) Sakemm ikun hemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, Franza adottat miżura tranżitorja fl-20 ta' Ottubru 2010 li permezz tagħha tiġbor taxxa ta' 8 % fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn u din se tkun applikata

([16]) L-awtoritajiet Franċiżi kienu nnotifikaw il-miżura abbażi tal-qafas Komunitarju tal-għajnuna mill-Istat f'forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku, ĠU C 297 tad-29.11.2005.

([17]) Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2007-2013, ĠU C 54 tal-4.3.2006.

([18]) Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-agrikoltura u l-forestrija 2007-2013, ĠU C 319 tas-27.12.2006.

retroattivament mit-3 ta' Awwissu 2010. Madankollu, id-dħul minn din it-taxxa ma jaffettwax lill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel iżda jmur fil-baġit ġenerali tal-Istat Franċiż.

(39) B'mod parallel għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura tranżitorja, Franza naqqset it-taxxa ġenerali fuq l-imħatri kollha fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, kemm dawk onlajn kif ukoll dawk diretti fil-fergħat ta' bejgħ. Ir-rata ta' din it-taxxa naqset minn 5,7 % għal 4,6 % tal-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

## 5. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI

(40) L-awtoritajiet Franċiżi, permezz ta' ittra tat-18 ta' Jannar 2011, bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ.

### 5.1. Dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(41) L-awtoritajiet Franċiżi ma jikkontestawx il-kwalifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istati li hija konformi man-notifika tagħhom iżda madankollu jistaqsu dwar il-punti li ġejjin:

#### 5.1.1. *L-eżistenza ta' vantaġġ favur il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel*

(42) L-awtoritajiet Franċiżi jiddubitaw minn kemm il-miżura tista' tipprovdi vantaġġ lill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel il-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn. Il-miżura tikkorrispondi sempliċiment ma' adattazzjoni meħtieġa tas-sitwazzjoni l-ġdida fejn ma hemmx aktar operatur uniku tal-logħob iżda bosta. Il-piż li kellu l-PMU qabel se jiġi sempliċiment kondiviż bejn l-operaturi kollha. L-awtoritajiet Franċiżi jqisu wkoll li l-miżura ma tistax tagħti vantaġġ lill-PMU għaliex dan tal-aħħar kieku jagħti lura t-totalità tal-qligħ kollu mit-taxxa lill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

#### 5.1.2. *Impatt fuq il-kompetizzjoni u l-effett tal- kummerċ*

(43) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li ma hemmx distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni fis-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn minħabba li t-taxxa tapplika b'mod uniformi għall-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, u li ma hemmx distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-livell tal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel stess għaliex il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel ma jkunux qed jikkompetu bejniethom iżda jaħdmu f'daqqa fuq livell Ewropew u saħansitra fuq livell dinji (pereżempju l-kalendarju tat-tiġrijiet taż-żwiemel ikun ottimizzat sabiex jiġi evitat trikkib fuq id-dati).

### 5.2. Rigward il-kwalifikazzjoni tas-SIEĠ tal-attivitajiet tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel

(44) L-awtoritajiet Franċiżi insistew fuq il-grad ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fid-definizzjoni u fl-organizzazzjoni tas-SIEĠ.

(45) Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bosta drabi li meta l-Istati Membri jiddefinixxu s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li huma japplikaw għal ċerti intrapriżi, huma jistgħu "jqisu l-objettivi li huma parti mill-politika nazzjonali tagħhom" ([19]).

(46) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel mill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel tikkontribwixxi sew għall-SIEĠ għat-titjib tal-ispeċi ekwina, il-promozzjoni tat-trobbija tal-ispeċi ekwina, it-taħriġ fil-qasam tat-tiġrijiet taż-żwiemel u t-trobbija tal-ispeċi ekwina u l-iżvilupp rurali.

(47) Il-leġiżlatur Franċiż ried jiċċara l-eżistenza ta' missjoni tas-servizz pubbliku li għaliha kkontribwixxew il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel permezz tal-liġi tat-12 ta' Mejju 2010. Fost l-objettivi prinċipali tal-politika tal-Istat fir-rigward tal-logħob tal-azzard, kif indikat fl-Artikolu 3 ta' din il-liġi, hemm l-"iżvilupp ekwilibrat u ġust tat-tipi differenti ta' logħob sabiex tiġi evitata kwalunkwe distabilizzazzjoni ekonomika tal-industriji kkonċernati". L-Artikolu 65 jindika li "is-soċjetajiet tat-tiġrijiet jipparteċipaw, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel, fis-servizz pubbliku għat-titjib tal-ispeċi ekwina u l-promozzjoni tat-trobbija, fit-taħriġ fis-settur tat-tiġrijiet taż-żwiemel u tat-trobbija taż-żwiemel kif ukoll fl-iżvilupp rurali".

(48) Il-missjoni twieġeb għall-eżiġenzi Komunitarji fir-rigward tas-SIEĠ għaliex din tkun ġenerali u obbligatorja, u kkonferita permezz ta' att ta' awtorità pubblika b'natura speċifika meta mqabbla mal-attivitajiet ta' intrapriża privata ordinarja.

(49) Id-dimensjoni ta' interess ġenerali għat-titjib tar-razza taż-żwiemel kienet rikonoxxuta mill-Kummissjoni b'mod partikolari permezz ta':

— Id-Direttiva dwar il-kummerċ fl-*equidae* maħsuba għall-kompetizzjonijiet ([20]) li tirrikonoxxi l-interess "li tassigura żvilupp razzjonali tal-produzzjoni ekwina" tiffavorixxi "is-salvagwardja, il-promozzjoni u t-titjib tat-trobbija".

— Il-pożizzjoni adottata fil-Kawża *Ladbroke* vs. *il-Kummissjoni* ([21]), fejn il-Kummissjoni qieset li "il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u għal aktar effiċjenza fis-settur tat-totalizzazzjoni u fuq kollox għat-titjib fir-razza taż-żwiemel tinkludi objettiv leġittimu u hu konformi mal-interess tal-Komunità."

(50) L-awtoritajiet Franċiżi insistew ukoll dwar l-importanza tal-industrija taż-żwiemel bħala vettur tal-iżvilupp rurali b'mod partikolari permezz ta' 250 korsa kif ukoll għall-preservazzjoni ta' ċertu patrimonju kulturali.

(51) Finalment, huma wrew li l-Kunsill tal-Istat kien ikkonkluda l-eżistenza ta' tali SIEĠ fl-opinjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 ([22]), billi għamlu referenza kemm għall-objettivi sostnuti fid-direttiva msemmija qabel kif ukoll għall-objettivi ta' interess ġenerali bħall-promozzjoni tat-trobbija u l-iżvilupp rurali.

([19]) Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, C-67/96, *Albany*, Ġabra p. I-5751.

([20]) Id-Direttiva 90-428/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kummerċ fl-*equidae* maħsuba għall-kompetizzjonijiet.

([21]) Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 1998, T-67/94, *Ladbroke* vs. *il-Kummissjoni*, Ġabra. p. II- 1, punt 143.

([22]) Il-Kunsill tal-Istat Nru 383.270 - Seduta tal-Ħamis 26 ta' Novembru 2009.

(52) Barra minn hekk, il-Kunsill tal-Istat qies li l-promozzjoni tat-trobbija mhijiex maqtugħa mill-ippjanar tat-territorju u l-iżvilupp rurali, li jistgħu jitqiesu wkoll bħala objettivi ta' interess ġenerali. It-tiġrijiet taż-żwiemel jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi, b'mod partikolari minħabba l-għadd sinifikanti ta' korsiet fi Franza.

### 5.3. **Dwar il-kompatibbiltà tal-miżura fit-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE**

(53) L-awtoritajiet Franċiżi qiesu li l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE huma ssodisfati.

(54) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu, b'mod partikolari li l-kumpens għat-twettiq tal-missjoni pubblika huwa meħtieġ (il-prezzijiet tat-tiġrijiet taż-żwiemel kienu pereżempju s-salarji tal-ġerrejja) u proporzjonat. Ir-rata tat-taxxa għall-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel kienet effettivament determinata b'mod preċiż abbażi tal-kost totali tal-obbligi tas-servizz pubbliku u tal-kost totali tal-flus miġbura mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, li għandha tevita kwalunkwe kumpens żejjed. Barra minn hekk, in-notifika tistipula mekkaniżmu ta' kontroll fuq kumpens żejjed.

### 5.4. **Dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mal-prinċipju tal-moviment liberu tas-servizzi**

(55) L-awtoritajiet Franċiżi argumentaw li t-taxxa parafiskali ma tinkludix elementi diskriminatorji għaliex minnha jibbenefikaw:

— L-ewwel nett, il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, u b'mod partikolari dawk li jinkludu l-PMU, l-operatur awtorizzat tal-imħatri. Madankollu, dawn il-kumpaniji ma jiggwadanjaw xejn meta mqabbla mal-operaturi l-oħra, la fuq livell finanzjarju u lanqas fuq livell kompetittiv, minħabba li dan id-dħul iservi biss u b'mod esklussiv għall-finanzjament tal-missjoni tas-servizz pubbliku attribwit lilhom mill-awtoritajiet Franċiżi u ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn in-nazzjonalitajiet tal-parteċipanti fit-tiġrijiet taż-żwiemel.

— Finalment, b'mod indirett, l-operaturi awtorizzati kollha tal-imħatri, sew jekk dawn tal-aħħar ikunu Franċiżi sew jekk ikunu barranin. Kollha jibbenefikaw minn esternalitajiet pożittivi ta' organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel ta' kwalità għolja u attraenti ħafna.

## 6. **L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(56) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet ta' tmien partijiet interessati. Fosthom, ħamsa kienu mill-assoċjazzjonijiet, tnejn kienu mill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel u waħda xtaqet tibqa' anonima (ara l-premessa (5)).

### 6.1. **L-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati li jappoġġjaw il-miżura notifikata**

(57) Sitta mill-partijiet interessati kienu favur il-miżura notifikata. Huma jifhmu ż-żewġ kumpaniji prinċipali li huma benefiċjarji importanti ta' din il-miżura. Ir-raġunijiet prinċipali tal-partijiet interessati li huma favur il-miżura notifikata huma dawn li ġejjin:

#### 6.1.1. *L-importanza tal-miżura għall-futur tat-tiġrijiet taż-żwiemel*

(58) Uħud mill-partijiet interessati spjegaw li t-tiġrijiet taż-żwiemel madwar l-Ewropa jkunu ffinanzjati mid-dħul li ġej mill-imħatri u għalhekk ikunu totalment dipendenti minn dan id-dħul.

(59) Għalhekk teżisti korrelazzjoni bejn l-impjieg dirett fil-qasam tat-tiġrijiet taż-żwiemel u d-dħul iġġenerat mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel li huma inidrizzati mill-ġdid lejn dan il-qasam. Tnaqqis fid-dħul ikollu riperkussjonijiet fuq l-industrija tat-trobbija u jwaqqaf lit-tiġrijiet taż-żwiemel milli jassiguraw il-missjoni tagħhom li jtejbu l-ispeċi ekwina u l-promozzjoni tat-trobbija taż-żwiemel.

(60) Barra minn hekk, il-qasam tat-tiġrijiet taż-żwiemel huwa ta' valur kbir għall-Ewropa u l-250 korsa fi Franza għandhom rwol soċjali importanti ħafna minħabba r-rabta tal-Franċiżi mat-tradizzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel u wkoll għaliex spiss ikunu jinsabu fir-reġjuni żvantaġġati ta' Franza.

(61) Huwa importanti wkoll li tiġi protetta s-sistema tat-totalizzatur li ġġib magħha l-aqwa garanziji ta' trasparenza u integrità u li l-għan tagħha huwa li tassigura redditu ġust għall-isport.

#### 6.1.2. *L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(62) Uħud mill-partijiet interessati sostnew li l-miżura notifikata ma tikkostitwixxix għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE għar-raġunijiet li ġejjin:

(63) Il-miżura ma tagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku lill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel benefiċjarji: id-dħul mit-taxxa maħsuba li jikkorrispondi għal 8 % tal-flus fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, ikun inferjuri wisq għall-kosti li jirrappreżenta t-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku għall-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel ([23]).

(64) Barra minn hekk, il-miżura ma tkunx taffettwa l-kummerċ u ma toħloqx distorsjoni u lanqas ma tkun suxxettibbli li toħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni għaliex ma jkunx hemm suq tat-tiġrijiet taż-żwiemel fis-sens strett tiegħu, li jista' jkun soġġett għal tali distorsjoni għall-kompetizzjoni, iżda sempliċiment suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

(65) Anki jekk il-Kummissjoni jkollha tqis li jeżisti suq tat-tiġrijiet taż-żwiemel, il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel li jibbenefikaw mill-miżura ma jkunux f'kompetizzjoni mal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ta' Stati Membri oħra għaliex il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ikunu jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom fuq livell Ewropew u saħansitra fuq livell dinji, sabiex tiġi evitata tali kompetizzjoni, billi jorganizzaw pereżempju t-tiġrijiet taż-żwiemel f'dati differenti.

(66) Min-naħa l-oħra, jekk il-Kummissjoni tkabbar l-analiżi tagħha għas-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, billi l-miżura mhijiex diskriminatorja bejn l-operaturi tal-imħatri, ma tistax lanqas toħloq distorsjoni f'dan is-suq

([23]) Kif inhuma definiti permezz tal-Liġi tal-1891 u tad-Digriet Nru 2010-1314 tat-2 ta' Novembru 2010.

(67) Finalment, ċerti partijiet interessati argumentaw ukoll li l-attività tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel hija lokali fin-natura tagħha u għaldaqstant ma jkollhiex effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.3. *Definizzjoni tas-SIEĠ*

(68) Uħud mill-partijiet interessati insistew fuq il-grad ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fid-definizzjoni u fl-organizzazzjoni tas-SIEĠ.

(69) Dawn spjegaw ukoll li l-kwalifikazzjoni tas-SIEĠ tal-attivitajiet tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel tkun ġustifikata mid-dimensjoni storika, kulturali u ekonomika tal-industrija taż-żwiemel Franċiża. L-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel tissodisfa l-interess pubbliku, u żżomm mal-għażla li tappoġġja l-patrimonju kulturali u ġenetiku u l-għarfien speċifiku fil-qasam tal-ippjanar tal-ispazju. Finalment, l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel ikollha wkoll dimensjoni sportiva.

(70) Uħud mill-partijiet interessati saħansitra argumentaw li t-tiġrijiet taż-żwiemel huma attività li strutturalment qed tagħmel it-telf, li sserraħ fuq il-kontribuzzjonijiet mitlufa tal-propjetarji, kif ukoll fuq netwerk ta' 6 000 voluntier, biex teżisti. Konsegwentament it-tiġrijiet taż-żwiemel ma jistgħux isiru b'mod sodisfaċenti mis-suq u l-kwalifikazzjoni tas-SIEĠ tal-attivitajiet tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel tkun ġustifikata.

6.1.4. *Kompatibbiltà skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE*

(71) Uħud mill-partijiet interessati sostnew li, jekk il-miżura jkollha titqies li tinkludi għajnuna mill-Istat, din tkun kompatibbli fir-rigward tar-regoli li jiggvernaw il-finanzjament tas-SIEG.

(72) Il-mezzi kollha tal-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel se jkunu fil-fatt allokati għat-twettiq tal-missjonijiet li l-istruttura tagħhom twassal għal telf tas-servizz pubbliku, u kwalunkwe kumpens żejjed suxxettibbli li jrawwem l-attivitajiet kompetittivi, ikun eskluż. Barra minn hekk l-ammont miġbur mit-taxxa jkun relattivament marġinali meta mqabbel mal-ammont totali tal-kosti mġarrba mill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel fl-implimentazzjoni tas-SIEĠ li jkun fdat lilhom.

6.1.5. *Kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE*

(73) Uħud mill-partijiet interessati argumentaw li l-missjonijiet mogħtija lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel iservu biex jappoġġjaw u jiżviluppaw it-trobbija taż-żwiemel, li tikkostitwixxi settur ta' attività ekonomika skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(74) Fin-nuqqas ta' settur ekwin vijabbli fuq terminu twil, it-tiġrijiet taż-żwiemel ma jkunux jistgħu jsiru. Għaldaqstant hemm rabta diretta bejn it-taxxa u l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel Sa fejn il-kosti kollha tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għall-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, ikun possibbli wkoll, skont dawn il-partijiet interessati, li jintuża approċċ abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jivvalida l-finanzjament permezz ta' taxxa parafiskali tal-attivitajiet ta' interess komuni għas-settur. Il-kosti kollha tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel għandhom jitqiesu f'approċċ ta' dan it-tip, li jiġġustifika r-rata ta' 8 % proposta mill-awtoritajiet Franċiżi għall-miżura notifikata, kif ukoll il-modalitajiet previsti fir-reviżjoni ta' din ir-rata.

6.1.6. *Kompatibbiltà tat-taxxa mal-prinċipju tal-provvista libera tas-servizzi*

(75) It-taxxa li tkun imposta b'mod nondiskriminatorju fuq l-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, inkluż il-PMU, ma tista' bl-ebda mod tikser il-prinċipju tal-provvista libera tas-servizzi skont l-Artikolu 56 tat-TFUE jew il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 110 tat-TFUE.

6.2. **L-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati li huma kontra l-miżura notifikata**

(76) Tnejn mill-partijiet interessati kienu kontra l-miżura, fosthom assoċjazzjoni u entità li xtaqu jibqgħu anonimi. Ir-raġunijiet prinċipali tal-partijiet interessati li huma kontra l-miżura notifikata huma dawn li ġejjin:

6.2.1. *Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(77) Il-partijiet interessati enfasizzaw li l-ispeċifikazzjonijiet, annessi mad-Digriet Nru 2010-1314 tat-2 ta' Novembru 2010, dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku li jaqgħu fuq il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-proċeduri ta' intervent tal-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel, jindikaw li l-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel għandhom jiggarantixxu li t-tiġrijiet taż-żwiemel Franċiżi jżommu l-istess livell ta' attrazzjoni bħal dawk organizzati fl-Istati Membri l-oħra. Din id-dispożizzjoni tkun tikkonferma l-impatt tal-miżura fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan il-livell.

(78) Meta wieħed iqis li l-PMU huwa Grupp ta' Interess Ekonomiku (EIĠ), dan ikun prodott tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel li jkunu operaturi tal-imħatri kif ukoll organizzaturi tat-tiġrijiet taż-żwiemel, fl-istess ħin. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ attivitajiet tkun artifiċjali. Konsegwenza ta' dan, it-taxxa allokata tobbliga lill-operaturi tal-imħatri onlajn biex jiffinanzjaw lir-rivali tagħhom, u dan ikun jikkostitwixxi distorsjoni evidenti tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

6.2.2. *Żball ċar ta' evalwazzjoni fir-rigward tas-SIEĠ il-ġdid*

(79) Skont il-partijiet interessati, l-awtoritajiet Franċiżi għamlu żball ċar billi kkwalifikaw l-attivitajiet tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel bħala SIEĠ.

(80) B'mod partikolari, ma kien hemm l-ebda dibattitu nazzjonali qabel il-ħolqien ta' dan is-SIEĠ, lanqas ta' ġustifikazzjoni partikolari mill-Kunsill tal-Istat dwar il-ħtieġa ta' tali ħolqien.

(81) Għall-kuntrarju, fil-passat, il-Kunsill tal-Istat kien formalment ikkonkluda bosta drabi li l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel ma kinitx SIEĠ ([24]) u b'mod aktar ġenerali, Franza kienet għażlet għal aktar minn seklu qafas għas-settur tat-tiġrijiet taż-żwiemel mingħajr l-ebda dimensjoni tas-servizz pubbliku.

(82) Fl-opinjoni tal-partijiet interessati, il-ftuħ tas-suq tal-logħob onlajn kellu l-għan li jakkumpanja politika kummerċjali espansjonarja tal-PMU pjuttost kontradittorja bil-kunċett ta' interess ġenerali u ta' servizz pubbliku, billi jippermetilu, b'mod partikolari, jiddiversifika l-attivitajiet tiegħu lejn l-imħatri sportivi u l-poker onlajn.

6.2.3. *Il-bżonn tal-miżura*

(83) Il-partijiet interessati esprimew dubji fir-rigward tar-riskju li semmew l-awtoritajiet Franċiżi biex jiġġustifikaw il-miżura, ta' tnaqqis fid-dħul tal-PMU li jista' jkun ikkawżat, jew mill-kompetizzjoni ta' operaturi oħra tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, jew minn ċaqliq mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel għall-imħatri sportivi.

(84) Fil-fatt huma jqisu li dan ir-riskju mhuwiex sinifikanti għaliex:

— Fl-2010, il-fatturat tal-internet tal-PMU żdied b'39 % globalment u b'10 % għall-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn. Permezz tal-ftuħ għall-kompetizzjoni, il-PMU seta' jidħol f'attivitajiet tal-poker onlajn u tal-imħatri sportivi filwaqt li jkabbar il-bażi tal-klijenti tiegħu. Il-profitt tiegħu kiber bi 18 % fl-2010.

— Skont l-Awtorità Franċiża għall-Kompetizzjoni, il-PMU ddomina s-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn b'sehem fis-suq ta' 85 % u jiddomina bil-bosta jekk wieħed jinkludi l-monopolju tal-imħatri diretti. Huwa jokkupa l-ewwel pożizzjoni wkoll jekk wieħed iqis l-imħatri sportivi b'sehem fis-suq ta' bejn l-40 % u l-55 %.

— Bejn l-imħatri sportivi u l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel ma hemmx sostitwibbiltà għaliex l-għarfien espert meħtieġ, il-kategoriji tal-età u d-dħul tal-lagħaba kif ukoll l-offerta ta' mħatri mill-operaturi huma differenti ħafna.

(85) Barra minn hekk, ma jkunx hemm bżonn aktar tal-miżura għaliex il-monopolju tal-imħatri diretti tal-PMU jippermetilu li:

— Joffri lil-lagħaba rata ta' żborż ogħla, permezz tar-rebħ tal-lagħaba, minn dik li jistgħu jagħtu l-operaturi tal-logħob onlajn;

— Japprofitta min-netwerk tiegħu ta' 10 000 fergħa ta' bejgħ u dħul iġġenerat minn dan in-netwerk biex jiffinanzja u jippromwovi l-attivitajiet tiegħu onlajn.

6.2.4. *Livell tat-taxxa parafiskali u l-kalkolu tan-nefqa li trid tiġi ffinanzjata*

(86) Il-partijiet interessati sostnew li, sakemm l-awtoritajiet Franċiżi ma ppreżentawx baġit ċar tan-nefqa finanzjarja, it-taxxa allokata ma tkoprix il-kosti tal-missjoni tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, it-taxxa tiffinanzja attivitajiet li ma jkunux ta' benefiċċju dirett għall-organizzaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn.

(87) Anki jekk l-adozzjoni ta' tali taxxa tista' tkun ġustifikata, ir-rata ta' 8 % proposta mill-awtoritajiet Franċiżi tkun sproporzjonata meta mqabbla mad-dritt tal-imħatri mħallsa mill-operaturi tal-imħatri sportivi lill-federazzjonijiet sportivi li huma fl-ordni ta' 1 % tal-logħob tal-flus fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

6.2.5. *Diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini taż-żwiemel*

(88) Uħud mill-partijiet interessati enfasizzaw li, fost il-primjums u l-benefiċċji mogħtija mill-PMU, uħud mill-primjums mogħtija lil min irabbi jkunu riżervati għaż-żwiemel li jitwieldu fi Franza. Tali sitwazzjoni tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 110 tat-TFUE.

6.2.6. *Miżuri addizzjonali*

(89) Parti interessata ressqet miżuri oħra li minnhom jibbenefika l-PMU:

— Il-miżura tranżitorja ta' imposta tat-taxxa ta' 8 % fuq il-logħob tal-flus fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, b'rabta mat-tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq l-imħatri kollha fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti u onlajn, tagħti vantaġġ lill-PMU u dan ifisser li tevita l-effetti tad-deċiżjoni ta' ftuħ meħuda mill-Kummissjoni. Fil-fatt, filwaqt li l-operaturi onlajn, inkluż il-PMU għall-attivitajiet tiegħu onlajn, iħallsu t-taxxa ta' 8 %, il-PMU ma jħallashiex għall-attivitajiet diretti tiegħu. Barra minn hekk, il-PMU jibbenefika aktar mill-operaturi l-oħra mit-tnaqqis ta' 1.1 % tar-rata tat-taxxa fir-rigward tal-volum tal-attività tiegħu ta' organizzazzjoni tal-imħatri diretti.

— Il-PMU u l-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ikunu eżentati mit-taxxi fuq il-qligħ.

— L-Awtorità Franċiża għall-Kompetizzjoni (Autorité de la Concurrence) enfasizzat bosta prattiki tal-PMU li jistgħu jaqgħu taħt abbuż ta' pożizzjoni dominanti ([25]). Fost l-oħrajn, dan jittratta l-użu tal-istess

([24]) Pereżempju: Il-Kunsill tal-Istat fil-kapaċità ġudizzjarja tiegħu, Nru 141204, id-9 ta' Frar 1979: "Jirriżulta kemm mid-dispożizzjonijiet tal-liġi tat-2 ta' Ġunju 1891 kif ukoll ir-regolamentazzjoni applikabbli għat-totalizzatur, li l-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, bħala dawk li huma responsabbli mill-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel u t-totalizzatur, mhumiex reponsabbli mill-missjoni tas-servizz pubbliku u jaġixxu bħala persuna ġuridika rregolata bil-liġi privata soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi."

([25]) In-notifika tal-20 ta' Jannar 2011 tal-Awtorità għall-Kompetizzjoni dwar il-qasam tal-logħob tal-azzard onlajn.

marka kummerċjali mill-PMU (il-marka kummerċjali PMU) għall-attivitajiet ta' monopolju u għall-attivitajiet kompetittivi tagħha, l-użu ta' ċerti ismijiet ġeneriċi (tiercé, trio…) biex tidentifika ċerti tipi ta' mħatri, kif ukoll it-tnedija tal-karta tal-PMU li tippermetti li tinġabar dejta fuq il-klijenti tal-imħatri diretti. Din id-dejta mbagħad tkun tista' tintuża biex tattira klijenti għall-imħatri onlajn.

(90) Ta' min wieħed jinnota li din id-deċiżjoni tikkonċerna biss il-kompatibbiltà tal-miżura notifikata minn Franza favur il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel. Hija ma tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni futura tal-Kummissjoni dwar oġġezzjonijiet addizzjonali indikati fil-premessa (89) hawn fuq.

## 7. L-OSSERVAZZJONIJIET TA' FRANZA FUQ L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(91) Franza ppreżentat il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati fl-4 ta' April 2011. L-awtoritajiet Franċiżi f'dawn il-kummenti jirreferu essenzjalment għall-osservazzjonijiet li ġew mibgħuta lilhom fit-18 ta' Jannar 2011.

(92) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi insistew fuq il-punti li ġejjin:

— Il-PMU tilef madwar 15 % tas-sehem tiegħu fis-suq onlajn fl-2010, li juri r-riskju ta' telf fuq id-dħul għall-industrija taż-żwiemel;

— In-notifika tal-Awtorità għall-Kompetizzjoni ma tkunx marbuta mal-kwistjoni kurrenti;

— Il-politika ta' Franza rigward il-logħob tal-azzard tiffoka essenzjalment fuq objettivi ta' ordni soċjali u ta' ordni pubblika u mhux fuq objettivi ekonomiċi jew kummerċjali.

## 8. EMENDA TAN-NOTIFIKA MINN FRANZA

(93) Fid-29 ta' April 2013, l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw emenda tan-notifika inizjali tagħhom lill-Kummissjoni. L-awtoritajiet Franċiżi speċifikaw li s-sistema introdotta minn din in-notifika emendata tista' tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2014, soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni.

(94) L-awtoritajiet Franċiżi qablu wkoll li jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida, sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn il-miżuri, previst għall-1 ta' Jannar 2014.

### 8.1. **Deskrizzjoni tas-sistema l-ġdida**

(95) L-awtoritajiet Franċiżi ma ppreżentawx aktar il-miżura dwar il-finanzjament tat-tiġrijiet taż-żwiemel bħala kumpens għal servizz pubbliku fdat f'idejn il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel. Konsegwenza ta' dan, in-notifika emendata trendi irrelevanti d-dubji espressi mill-Kummissjoni dwar il-kwalifikazzjoni ta' SIEG attribwita lill-attivitajiet tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel kif ukoll dwar il-possibbiltà li tawtorizza l-miżura abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(96) Is-sistema l-ġdida hija ppreżentata bħala għajnuna għal qasam ekonomiku, jiġifieri l-industrija taż-żwiemel, stabbilita abbażi tal-interess komuni li l-PMU u l-operaturi rivali tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn għandhom għall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel li fuqhom isiru l-imħatri.

(97) Konsegwenza ta' dan, il-livell tat-taxxa li għandha tinġabar mill-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel hu kkalkulat billi jitqies biss il-kumpens tal-kosti marbuta mal-organizzazzjoni tat-tiġriijiet taż-żwiemel li jibbenefikaw minnhom ukoll l-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn (minn hawn 'il quddiem imsejħa "kosti ta' interess komuni").

(98) Meta mqabbla mal-miżura stabbilita fin-notifika inizjali, is-sistema l-ġdida tnaqqas il-livell tal-kosti li għandhom jiġu ffinanzjati mid-dħul iġġenerat mit-taxxa parafiskali. Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi kkalkulaw li r-rata tat-taxxa tkun massimu ta' 5,6 % (ikkalkulata għas-sena 2012 abbażi tad-dejta finanzjarja tas-sena 2010) filwaqt li setgħet titla' għal 8 % abbażi tas-sistema stabbilita fin-notifika inizjali (ara l-premessa (113)).

### 8.2. **Tiġrijiet taż-żwiemel primjum u tiġrijiet taż-żwiemel mhux primjum**

(99) Sabiex jiġu ddeterminati l-kosti ta' interess komuni (ara l-premessa (97)), l-awtoritajiet Franċiżi jiddistingwu bejn tiġrijiet taż-żwiemel primjum (li fuqhom isiru l-imħatri ([26])) u tiġrijiet taż-żwiemel mhux primjum (li fuqhom ma jsirux imħatri).

(100) Meta wieħed iqis li l-imħatri onlajn huma biss għat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li huwa loġiku li jiġu assimilati l-kosti ta' interess komuni mal-kosti marbuta mal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum.

(101) L-awtoritajiet Franċiżi jużaw il-proporzjon taż-żwiemel li jipparteċipaw fit-tiġrijiet primjum biex jaqsmu ċerti kosti fissi tal-kumpaniji prinċipali bejn it-tiġrijiet taż-żwiemel primjum u mhux primjum. It-tqassim għal kull kumpanija prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel hija deskritta fit-tabella 2 ta' hawn taħt:

([26]) Fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel primjum ikun hemm imħatri onlajn kif ukoll imħatri diretti fil-fergħat ta' bejgħ tal-PMU.

*Tabella 2*

**Għadd ta' żwiemel li jibdew fit-tiġrijiet taż-żwiemel primjum & mhux primjum**

| | Cheval français (tat-trott) | France Galop (tal-galopp u tal-qbiż) |
|---|---|---|
| It-total taż-żwiemel li bdew it-tiġrija | 150 822 | 77 304 |
| L-għadd ta' żwiemel primjum li bdew it-tiġrija | 58 112 (38,5 %) | 48 027 (62 %) |
| L-għadd ta' żwiemel mhux primjum li bdew it-tiġrija | 92 170 (61,5 %) | 29 277 (38 %) |

## 8.3. **Identifikazzjoni tal-kosti ta' interess komuni u l-kalkolu tar-rata tat-taxxa**

### 8.3.1. *Identifikazzjoni tal-kosti ta' interess komuni*

(102) Il-kosti ta' interess komuni identifikati mill-awtoritajiet Franċiżi abbażi tad-dejta finanzjarja disponibbli tas-sena 2010 huma ppreżentati hawn taħt skont il-kategorija tal-kosti:

### 8.3.2. *Inċentivi*

(103) L-inċentivi (EUR 493 miljun fl-2010) jikkonsistu fit-tqassim mill-kumpanija prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel, ta' primjums u benefiċċji dovuti lil min irabbi, lill-propjetarji u lill-ġerrejja b'rabta maż-żwiemel li jipparteċipaw fit-tiġrijiet taż-żwiemel mill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel. L-awtoritajiet Franċiżi jipproponu li jintegraw fil-kosti ta' interess komuni l-inċentivi marbuta mat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum. Barra minn hekk, huma jipproponu li jiġu esklużi l-primjums mogħtija lill-propjetarji fit-tiġrijiet taż-żwiemel tal-galopp li huma riżervati għaż-żwiemel li jitwieldu jew jitrabbew fi Franza, u għalhekk jagħtu lok għar-riżervi espressi mill-Kummissjoni dwar il-konformità tat-taxxa mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi jekk il-primjums riżervati għaż-żwiemel imwielda jew imrobbija kienu ffinanzjati mit-taxxa parafiskali (ara l-premessi (151)-(156)). Finalment, l-awtoritajiet Franċiżi jipproponu għaldaqstant li jżommu EUR 321 miljun tal-kosti ta' interess komuni f'din il-kategorija (jiġifieri madwar 65 % tat-total tal-inċentivi mogħtija mill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel).

### 8.3.3. *Spejjeż ta' organizzazzjoni mġarrba mill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel*

(104) L-ispejjeż ta' organizzazzjoni mill-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel (EUR […] (*) fl-2010) huma komposti mill-kosti ta' funzjonament tal-kwartieri tagħhom, l-ispejjeż tagħhom tal-persunal u l-kummerċjalizzazzjoni, il-kosti ta' funzjonament u l-ispejjeż tal-persunal tal-korsiet taż-żwiemel, kif ukoll l-ispejjeż ta' amortizzament marbuta mal-manutenzjoni u l-bini tal-korsiet.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali Sigriet kummerċjali.

(105) Dawn il-kosti mhumiex inklużi mill-awtoritajiet Franċiżi fil-kalkolu tal-kosti ta' interess komuni jekk dawn jistgħu jkunu attribwiti lill-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum. Ċerti kosti li jibbenefikaw minnhom il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel biss (kosti tal-kummerċjalizzazzjoni) huma totalment esklużi, oħrajn bħall-ispejjeż tal-kwartieri huma maqsuma skont il-proporzjon taż-żwiemel li jibdew fit-tiġrijiet primjum. Finalment, l-awtoritajiet Franċiżi jżommu EUR […] (jiġifieri madwar […] % tat-total tal-ispejjeż ta' organizzazzjoni tal-kumpaniji prinċipali) tal-kosti ta' interess komuni f'din il-kategorija.

### 8.3.4. *Spejjeż ta' organizzazzjoni mġarrba mill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-provinċja*

(106) It-total tal-ispejjeż imġarrba mill-230 kumpanija tat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-provinċja għall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel tela' għal EUR […] fl-2010. L-awtoritajiet Franċiżi jinkludu fil-kosti ta' interess komuni EUR […] biss (jiġifieri madwar […] tat-total tal-ispejjeż ta' organizzazzjoni mġarrba mill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-provinċja), li jikkorrispondu mal-ispejjeż marbuta mat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum organizzati minn 49 fosthom.

### 8.3.5. *Il-kosti ta' rrekordjar u xandir tat-tiġrijiet taż-żwiemel*

(107) Il-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel jiffinanzjaw l-irrekordjar u x-xandir dirett fuq it-televiżjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum lill-operaturi tal-logħob onlajn. Dawn il-vidjows jippermettu b'mod partikolari li jikkontrollaw ir-riżultati tat-tiġrijiet taż-żwiemel meta jispiċċaw. L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li dawn il-vidjows, li ma jikkonċernawx it-tiġrijiet taż-żwiemel primjum, huma ta' benefiċċju għall-operaturi kollha tal-logħob onlajn. Fil-fatt in-nuqqas tagħhom jirriżulta fi tnaqqis kbir fil-logħob. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jinkludu l-kost totali tal-irrekordjar u tax-xandir fuq it-televiżjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum fil-kalkolu tal-kosti ta' interess komuni, jiġifieri EUR […] fl-2010.

(108) Barra minn hekk, kosti oħra ta' promozzjoni tal-industrija taż-żwiemel, b'mod partikolari mill-istazzjonijiet tat-televiżjoni, mhumiex inklużi fil-kosti ta' interess komuni ([27]). Ta' min wieħed jinnota li l-kosti marbuta mal-irrekordjar u max-xandir tat-tiġrijiet taż-żwiemel ma kinux inklużi fil-kosti tas-servizz pubbliku inizjalment notifikati.

### 8.3.6. *Il-ġlieda kontra d-doping*

(109) Il-ġlieda konra d-doping, li tikkonċerna t-tiġrijiet taż-żwiemel primjum hija element essenzjali għall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel ta' kwalità u sabiex tkun garantita l-integrità tal-operazzjonijiet tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel. Għalhekk l-awtoritajiet Franċiżi jinkludu t-total ta' dawn il-kosti, jiġifieri EUR […] fl-2010, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kosti ta' interess komuni.

([27]) B'mod partikolari l-kosti marbuta mal-programm fuq it-televiżjoni "La Minute Hippique" fuq France 3.

8.3.7. *Taħriġ u azzjoni soċjali*

(110) Il-kosti totali għat-taħriġ tal-persunal kwalifikat ħafna biex jaħdem fid-dinja tat-tiġrijiet taż-żwiemel (sewwieqa, ġerrejja, persuni li jieħdu ħsieb l-istalel, eċċ…) kien jammonta għal EUR […] fl-2010. L-awtoritajiet Franċiżi jinkludu EUR […] fil-kosti ta' interess komuni, li jikkorrispondu għall-proporzjon tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum.

8.3.8. *Dħul għall-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel*

(111) Id-dħul propju tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel (pereżempju miżati tad-dħul li jħallsu l-ispettaturi) marbut mal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel (EUR […]) huwa mnaqqas mill-kosti ta' interess komuni.

8.3.9. *Kalkolu tar-rata massima tat-taxxa*

(112) Is-sistema l-ġdida tistipula li r-rata massima tat-taxxa għal sena N hija kkalkulata billi jinqasmu l-kosti ta' interess komuni għas-sena N-2 mit-total tal-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn għas-sena N-2.

$$\text{Taxxa(massima)} = \frac{\text{Kosti ta' interess komuni (sena N} - 2\text{ (}^{28}\text{))}}{\text{Il-flus li jintlagħbu fl-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel (sena N} - 2\text{)}}$$

(113) Applikat għas-sena 2012, abbażi tad-dejta finanzjarja tal-2010 (ara t-tabella 3 hawn isfel), dan il-kalkolu jagħti rata massima ta' 5,6 %, minħabba li jqis it-total tal-kosti ta' interess komuni ta' EUR 519 miljun. Is-sistema prevista fin- notifika inizjali, tirriżulta f'rata ta' 8 % ikkalkulata abbażi tal-kosti totali ta' EUR 747 miljun.

*Tabella 3*

**Kalkolu tar-rata tat-taxxa għas-sena 2012**

| | Kosti ta' interess komuni (2010) (*f'EUR […]*) | Kosti tas-servizz pubbliku notifikati (2010) (*f'EUR […]*) |
|---|---|---|
| Inċentivi | […] | […] |
| Spejjeż ta' organizzazzjoni tal-kumpaniji prinċipali | […] | […] |
| Spejjeż ta' organizzazzjoni tal-kumpaniji tal-provinċja | […] | […] |
| L-irrekordjar u x-xandir tat-tiġrijiet taż-żwiemel | […] | […] (*) |
| Il-ġlieda kontra d-doping | […] | […] |
| Taħriġ u azzjoni soċjali | […] | […] |
| (a) Total tal-kosti | […] | […] |
| (b) Dħul propju għall-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel | […] | |
| (c = a − b) Kosti netti li għandhom jiġu ffinanzjati | **519** | **747** |
| (d) Total tal-logħob tal-flus fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti jew onlajn | **9 286** | |
| (e = c/d) Livell korrispondenti tat-taxxa | **5,6 %** | **8 %** |

(*) Il-kosti ta' rrekordjar u xandir fuq it-televiżjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel ma kinux inklużi fil-kalkolu tal-kosti tas-servizz pubblilku inizjalment notifikati.

## 9. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

(114) Kif inhu msemmi fil-premessa (90), din id-deċiżjoni hija limitata għall-eżaminazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-miżura notifikata minn Franza favur il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel. Kif inhu indikat fil-premessa (90), din ma tippreġudikax il-pożizzjoni futura tal-Kummissjoni dwar il-miżuri eventwali addizzjonali favur il-PMU jew il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel iddenunzjati minn ċerti partijiet interessati u msemmija fil-premessa (89).

(28) Ir-referenza tkun is-sena N-2 għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-dejta finanzjarja meħtieġa biex tiġi kkalkulata r-rata tat-taxxa.

### 9.1. **L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(115) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura notifikata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([29]) skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Din il-konklużjoni qatt ma kienet ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi li lanqas ma jikkontestaw il-kwalifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat wara l-emenda tan-notifika tad-29 ta' April 2013.

(116) L-elementi li jiġġustifikaw il-kwalifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat huma madankollu ppreżentati hawn taħt filwaqt li jitqiesu wkoll il-kummenti ta' ċerti partijiet interessati.

9.1.1. *Riżorsi tal-Istat*

(117) B'konformità mal-prattika tal-Kummissjoni u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kunċett tar-riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1), it-TFUE jiġbor fih il-mezzi kollha finanzjarji li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw biex jappoġġjaw lill-operaturi ekonomiċi, mingħajr ma jkun pertinenti li dawn il-mezzi jappartjenu jew le b'mod permanenti għall-patrimonju tal-imsemmija awtoritajiet pubbliċi. Konsegwentement, anki jekk is-somom li jikkorrispondu mal-miżura inkwistjoni ma jkunux kontinwament fil-pussess tal-awtoritajiet pubbliċi, il-fatt li jkunu kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa biżżejjed sabiex jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat ([30]). Bl-istess mod, in-natura inizjalment privata tar-riżorsi ma żżommx milli dawn ikunu meqjusa bħala riżorsi tal-Istat skont din id-dispożizzjoni ([31]).

(118) Skont il-ġurisprudenza, is-sempliċi fatt li, sistema ta' sussidji li jibbenefikaw minnha ċerti operaturi ekonomiċi ta' settur partikolari, li tkun iffinanzjata kompletament jew parzjalment mill-kontribuzzjonijiet imposti mill-awtorità pubblika u ntaxxata fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati, mhuwiex biżżejjed biex jipprekludi lil din is-sistema milli tkun għajnuna mill-Istat ([32]).

(119) Fil-każ preżenti, it-taxxa fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn hija stabbilita b'mod kontraenti mir-regolamentazzjoni nazzjonali (il-liġi tat-12 ta' Mejju 2010) u allokata mill-istess regolamentazzjoni għall-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, li jibbenefikaw mill-miżura. Il-miżura hija għalhekk iffinanzjata minn riżorsi Statali.

([29]) Ara l-premessa 79 tad-deċiżjoni ta' ftuħ.

([30]) Is-sentenzi tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2000, *Franza* vs. *Ladbroke Racing u l-Kummissjoni*, C-83/98 P, Ġabra p. I-3271, punt 50, u tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs. *il-Kummissjoni*, C-482/99, Ġabra p. I-4397, punt 37.

([31]) Is-sentenzi tal-Qorti tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France* vs. *il-Kummissjoni*, T-358/94, Ġabra p. II-2109, punti 63 sa 65, u tas-27 ta' Settembru 2012, *Fedecom* vs. *il-Kummissjoni*, T-243/09, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 48.

([32]) Is-sentenzi tal-Qorti tat-22 ta' Marzu 1977, *Steinike & Weinlig*, 78/76, Ġabra p. 595, punt 22, tal-11 ta' Novembru 1987, *Franza* vs. *il-Kummissjoni*, 259/85, Ġabra p. 4393, punt 23; u s-sentenza tal-Qorti, *Fedecom* vs. *il-Kummissjoni*, imsemmija qabel, punt 49. Ara wkoll, għal dan il-għan, is-sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1974, *l-Italja* vs. *il-Kummissjoni*, 173/73, Ġabra p. 709, punti 27 u 35.

9.1.2. *Vantaġġ*

(120) Il-miżura notifikata, li talloka d-dħul mit-taxxa parafiskali miġbura mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn għall-finanzjament tal-attivitajiet li huma attwalment iffinanzjati mill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel mid-dħul tagħhom stess, tagħti vantaġġ ekonomiku lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Fil-fatt, l-attivitajiet attwali tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, bħall-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel, huma għalhekk parzjalment iffinanzjati minn riżorsi Statali.

(121) Barra minn hekk, il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel huma fil-fatt operaturi tal-imħatri onlajn ukoll minħabba li huma fi sħab mal-PMU. Permezz tal-istatus tiegħu ta' EIG, il-PMU huwa struttura trasparenti. Konsegwentament, id-dħul għall-PMU mill-attività tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel huwa trasferit lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, li min-naħa tagħhom jiffinanzjaw kemm l-iżvilupp tal-PMU kif ukoll l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel mid-dħul iġġenerat mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel. Barra minn hekk, il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel biss huma f'qagħda li jagħmlu investimenti konsiderevoli għall-iżvilupp tal-attivitajiet proprji tal-PMU meta jkun meħtieġ.

(122) Għaldaqstant, il-miżura li għandha l-għan li tiggarantixxi lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ċertu livell ta' dħul, f'każ ta' tnaqqis fl-attività tal-PMU minħabba l-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, għandu bħala konsegwenza indiretta li jipproteġi u jsaħħaħ il-qagħda tal-PMU f'dan is-suq stess.

9.1.3. *Selettività*

(123) Sa fejn id-dħul tat-taxxa parafiskali miġbur mill-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn jitħallas lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel li huma membri tal-PMU, il-miżura hija b'mod ċar selettiva.

9.1.4. *Distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti tal-kummerċ*

(124) L-effett tal-kummerċ u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni għandhom ikunu stmati f'dak li jirrigwardja l-attività tal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel kif ukoll dik tal-imħatri.

(125) Il-Kummissjoni qieset fil-Komunikazzjoni 97/C 163/03 dwar l-għajnuna preżunta mogħtija lill-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u lill-PMU ([33]) li hemm suq komunitarju tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, li l-ġbir tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel hija soġġetta għal kummerċ intrakomunitarju u li l-intrapriżi li jiġbru dawn l-imħatri huma f'kompetizzjoni ma' xulxin.

(126) It-taxxa li jibbenefikaw minnha l-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel biss approvata mill-Ministeru Franċiż għall-Agrikoltura hija fin-natura tagħha suxxettibbli li xxekkel il-kompetizzjoni fis-suq tal-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel u l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel fejn joperaw b'mod integrat il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

([33]) Paġna 4 tal-Komunikazzjoni msemmija 97/C 163/03 dwar il-Kawża C-4/97 (ex NN35/93): Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 93(2) tat-Trattat, indirizzata lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħra, dwar l-għajnuna preżunta mogħtija mingħand Franza lill-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel, lill-PMU u lill-PMH.

(127) Barra minn hekk, tajjeb li wieħed jinnota li d-Digriet Nru 2010-1314 tat-2 ta' Novembru 2010, dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku li jaqgħu fuq il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-proċeduri ta' intervent tal-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel, jistipula li l-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel "għandhom iżommu l-attrazzjoni tat-tiġrijiet Franċiżi meta mqabbla mat-tiġrijiet ta' livell komparabbli organizzati barra Franza sabiex iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-aqwa parteċipanti".

(128) Billi jkun permess li jinżamm livell għoli tal-primjums ([34]) li konsegwenza ta' dan jiżgura li jattira l-aqwa żwiemel (u jevita pereżempju li ma jinbigħux barra Franza), li jattira l-imħatri u li jimmassimizza d-dħul li ġej mill-imħatri għall-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel organizzati minn Kumpaniji oħra tat-Tiġrijiet taż-żwiemel Ewropej, il-miżura notifikata mill-awtoritajiet Franċiżi hija suxxettibbli li xxekkel il-kompetizzjoni bejn il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel ta' Stati Membri differenti.

(129) Wieħed jista' jinnota wkoll li t-tiġrijiet taż-żwiemel Franċiżi huma mmexxija minn operaturi tal-imħatri ta' Stati Membri oħra ([35]). Miżura favur il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel hija għalhekk suxxettibbli li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

### 9.2. **Kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE**

(130) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura notifikata tista' tiġi meqjusa bħala kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tad-deroga pprovduta fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jippermetti "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

(131) Fil-fatt il-Kummissjoni, abbażi tal-artiklu msemmi, iddikjarat kompatibbli bosta każijiet ta' għajnuna li għandhom l-għan li jiffinanzjaw, permezz ta' taxxa imposta li kienet saret fuq l-intrapriżi ta' settur partikolari ta' grupp ta' attivitajiet, sakemm dawn il-miżuri jkollhom l-għan li jxerrdu l-progress tekniku, it-titjib tal-kwalità, tal-kompetittività u tal-produttività tal-intrapriżi u l-adattament tagħhom għall-bżonnijiet tas-suq ([36]).

(132) Id-dispożizzjoni l-ġdida notifikata mill-awtoritajiet Franċiżi tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan l-approċċ: il-miżura tikkostitwixxi għajnuna għall-industrija taż-żwiemel li jibbenefikaw minnha l-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn soġġetti għat-taxxa. Il-punt essenzjali li għandu jiġi verifikat biex tiġi determinata l-kompatibbiltà eventwali tal-għajnuna huwa dwar jekk il-kosti ffinanzjati mit-taxxa humiex ta' interess komuni. Barra minn hekk, minħabba r-rabta mill-qrib bejn it-taxxa parafiskali u l-għajnuna għall-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ([37]), id-deċiżjoni ta' ftuħ tfakkar li l-kompatibbiltà tal-għajnuna ma tistax tiġi evalwata mingħajr verifika tal-kompatibbiltà tat-taxxa mal-prinċipju tal-provvista libera tas-servizzi msemmi fl-Artikolu 56 tat-TFUE u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni msemmi fl-Artikolu 110 tat-TFUE ([38]).

(133) B'konformità mal-approċċ imsemmi fil-premessa (131), il-Kummissjoni tqis li l-miżura notifikata mhijiex konformi mal-linji gwida li huma fis-seħħ bħalissa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c), tat-TFUE iżda tista' tiġi awtorizzata direttament abbażi ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat. Sabiex jiġi determinat jekk il-miżura ta' għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, il-Kummissjoni qed tqabbel l-effetti pożittivi tal-miżura (l-issodisfar ta' objettiv ta' interess komuni) mal-effetti potenzjalment negattivi tagħha (distorsjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni) ([39]). L-eżami tal-miżura jsir fi tliet stadji abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-miżura ta' għajnuna għandha objettiv ta' interess komuni definit tajjeb?

2. Jekk iva, il-miżura hija strument xieraq sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' interess komuni? Għal dan il-għan, għandhom jiġu eżaminati l-mistoqsijiet li ġejjin:

   a) L-għajnuna hija strument adegwat jew jeżistu strumenti differenti jew aktar xierqa?

   b) L-għajnuna għandha effett ta' inċentiv?

   c) L-għajnuna hija proporzjonata mal-objettivi li għandhom jintlaħqu?

([34]) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-livell tal-primjums u l-benefiċċji mqassma fi Franza kien superjuri għall-medja Ewropea.

([35]) L-uffiċjal kap eżekuttiv tal-PMU, Philippe Germond jindika b'mod partikolari f'artiklu ta' Echos li "it-tixrid mill-operaturi tal-imħatri barranin tat-tiġrijiet taż-żwiemel Franċiżi rreġistra tkabbir tajjeb ta' + 20 % fl-2010." Fl-istess artiklu huwa jsemmi wkoll kuntratti sinifikanti konklużi bejn il-PMU u operatur Grieg, kif ukoll ftehim konkluż fil-Belġju ma' Ladbrokes dwar id-distribuzzjoni tat-totalizzatur tiegħu.

([36]) Xi eżempji meħuda mill-prattika tal-Kummissjoni: Għajnuna nru 472/2000 - taxxa parafiskali imposta sabiex tiffinanzja azzjonijiet kollettivi mmexxija mill-Kumitat Interprofessjonali tal-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ġilda, il-Prodotti tal-Ġilda u taż-Żraben (Comité Interprofessionnel de Développement des Industries du Cuir, de la Maroquinerie et de la Chaussure) favur dan is-settur. Għajnuna nru 163/2002: taxxa parafiskali imposta biex tiffinanzja l-attivitajiet kollettivi tal-Uffiċċju Nazzjonali Interprofessjonali tal-Cognac (Bureau National Interprofessionnel du Cognac) favur dan is-settur. Għajnuna nru 496/2000: taxxa parafiskali fuq l-arloġġi, il-ġojjelli u l-prodotti tal-artiġjanat tad-deheb jew tal-fidda, imposta biex tiffinanzja l-attivitajiet kollettivi tal-Kumitat professjonali tal-iżvilupp tal-arloġġi, tal-ġojjelli; tal-prodotti tal-artiġjanat tad-deheb jew tal-fidda u taċ-Ċentru tekniku tal-industrija tal-arloġġi favur dan is-settur.

([37]) L-ammont ta' għajnuna mogħtija jirriżulta direttament mir-rendiment tat-taxxa.

([38]) Ara l-premessa 57 tad-deċiżjoni ta' ftuħ.

([39]) Ara l-"Pjan ta' Azzjoni għall-Għajnuna mill-Istat" – Inqas għajnuna mill-Istat iżda mmirata aħjar: pjan direzzjonali għar-riforma tal-għajnuna mill-Istat 2005-2009, COM(2005) 107 final, paragrafi 19 u 20.

3. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett tal-kummerċ huma limitati b'tali mod li l-effett globali tal-miżura huwa pożittiv?

9.2.1. *Objettiv ta' interess komuni*

(134) Permezz tat-tqassim b'mod ġust tal-piż tal-finanzjament tat-tiġrijiet taż-żwiemel li fuqhom isiru l-imħatri bejn l-operaturi differenti tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, il-miżura tippermetti kompetizzjoni ġusta bejn dawn l-operaturi fuq il-livell ta' suq liberalizzat tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn. B'dan il-mod, il-miżura tikkontribwixxi wkoll għall-objettiv tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn b'konformità mal-prinċipju tal-provvista libera tas-servizzi fi ħdan l-Unjoni speċifikat fl-Artikolu 56 tat-TFUE.

(135) Il-liberalizzazzjoni tal-logħob onlajn fi Franza hija konformi mal-għan tal-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-"Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern", li kellha tagħti kontribut għall-ħolqien fl-Istati Membri ta' oqfsa legali għal-logħob tal-azzard onlajn u b'hekk tipprovdi ċertezza legali akbar għall-partijiet interessati kollha ([40]).

(136) Il-liberalizzazzjoni tal-logħob onlajn fi Franza hija wkoll konformi mal-għan, enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-logħob tal-azzard onlajn, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' oqfsa ġuridiċi għal-logħob tal-azzard onlajn fl-Istati Membri u b'hekk tkabbar iċ-ċertezza legali għall-partijiet kollha kkonċernati ([41]).

(137) Barra minn hekk, il-miżura notifikata hija favur l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni ekwina kif ukoll tat-trobbija ekwina, li tikkostitwixxi wkoll għan ta' interess komuni. Fil-premessi tad-Direttiva 90/428/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kummerċ fl-equidae maħsuba għall-kompetizzjonijiet u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fiha ([42]), il-Kunsill jagħraf l-interess "li jassigura żvilupp razzjonali tal-produzzjoni ekwina" u jfakkar "li t-trobbija taż-żwiemel, u b'mod partikolari taż-żwiemel tat-tiġrija, tintegra b'mod ġenerali fil-qafas tal-attivitajiet agrikoli [u] li tikkostitwixxi sors ta' dħul għal parti mill-popolazzjoni agrikola".

(138) Il-Kummissjoni, għaldaqstant ikkonkludiet li l-miżura ta' għajnuna notifikata mill-awtoritajiet Franċiżi ssegwi l-objettivi definiti sew ta' interess komuni.

9.2.2. *Favur il-miżura*

(139) Miżura ta' għajnuna titqies meħtieġa u proporzjonali meta tikkostitwixxi strument xieraq għall-kisba tal-għan ta' interess komuni stabbilit, meta jkollha effett ta' inċentiv fuq il-benefiċjarji u meta ma tintroduċix tfixkil mhux mixtieq fil-kompetizzjoni.

9.2.3. *L-għajnuna hija strument adegwat*

(140) Il-gvern Franċiż iddeċieda li jilliberalizza s-suq tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn. Qabel din il-liberalizzazzjoni, it-tiġrijiet taż-żwiemel kienu kważi esklussivament iffinanzjati mid-dħul iġġenerat mill-organizzazzjoni tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel permezz tal-PMU. Il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li tqassam il-piż tal-finanzjament tat-tiġrijiet taż-żwiemel fost l-operaturi kollha li jistgħu joffru mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn fis-suq Franċiż. Konsegwentement il-miżura hija indikata bis-sħiħ biex tassigura kompetizzjoni ġusta fost l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel billi twaqqaf lill-kompetituri tal-PMU milli jiksbu ishma mis-suq tal-imħatri onlajn mingħajr ma jikkontribwixxu għall-kosti tal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel. B'dan il-mod, il-miżura tiggarantixxi s-sostenibbiltà tat-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn u l-effetti konsekwenzjali pożittivi tagħhom fuq it-trobbija taż-żwiemel u fuq l-industrija taż-żwiemel.

(141) Fil-Greep Paper tagħha dwar il-logħob tal-flus onlajn fis-suq intern tal-24 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni enfasizzat li "Waħda mill-karatteristiċi tat-tiġrijiet taż-żwiemel meta mqabbla ma' sports ieħor hija li l-attrazzjoni primarja tagħhom qiegħda għal-lagħaba. Għaldaqstant, fuq livell ogħla minn avvenimenti sportivi oħra, il-vijabbiltà tagħhom tiddependi fuq proporzjonijiet suffiċjenti mid-dħul tal-logħob li jiġi investit mill-ġdid fl-attività". ([43])

(142) Fid-dawl tal-elementi msemmija hawn fuq, il-miżura notifikata mill-awtoritajiet Franċiżi titqies li hija xierqa biex tissodisfa l-objettiv tas-sostenibbiltà tat-tiġrijiet taż-żwiemel u biex tassigura kompetizzjoni ġusta fuq il-livell tas-suq liberalizzat tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn.

9.2.4. *L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna*

(143) Fin-nuqqas tal-miżura, l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-settur tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel se jkollu tnaqqis għal żmien twil fir-riżorsi tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, li jwassal biex is-settur jiċkien, jew saħansitra jikkollassa.

(144) Filwaqt li wieħed iqis li l-attivitajiet tal-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel huma ffinanzjati mid-dħul li ġej mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, il-miżura ta' għajnuna għandha effett dirett fuq l-imġiba tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel billi tħeġġiġhom jappoġġjaw u jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom ta' organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

9.2.5. *Proporzjonalità tal-għajnuna*

(145) Il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li tassigura finanzjament ibbilanċjat, fost l-operaturi tat-tiġrijiet taż-żwiemel, tal-kosti marbuta direttament mal-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum. Il-mekkaniżmu tal-kalkolu tar-rata tat-taxxa jiggarantixxi li l-ammont totali miġbur mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, u għalhekk, l-għajnuna mogħtija lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, ma jistax jaqbeż l-ammont totali tal-kosti ta' interess komuni.

([40]) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Green Paper dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern, COM(2011) 128 final, p. 7.

([41]) Il-Kummissjoni Ewropea, Ara l-qafas Ewropew globali għal-logħob tal-azzard onlajn, COM(2012) 596, paġna 4.

([42]) ĠU L 224 tat-18.8.1990, p. 60-61

([43]) Il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea, tal-24 ta' Marzu 2011, dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern [COM(2011) 128 final], ara paġna 35.

(146) Il-kosti l-oħra kollha tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel jibqgħu madankollu mġarrba minnhom, sew jekk huma finanzjament tat-tiġrijiet taż-żwiemel mhux primjum jew kosti li jibbenefika minnhom il-PMU iżda mhux operaturi oħra tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

(147) Fir-rigward ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' għajnuna tissodisfa l-kriterju ta' proporzjonalità.

9.2.6. *Impatt fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(148) L-għajnuna favur il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel tista' xxekkel il-kompetizzjoni fost l-operaturi tat-tiġrijiet taż-żwiemel Ewropej jekk din ma tkunx proporzjonata. Billi l-miżura hija proporzjonata (ara l-premessi (145)-(147)), ir-riskju li l-miżura tagħti vantaġġ sproporzjonat lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel jista' jitwarrab.

(149) Barra minn hekk, ċerti effetti negattivi tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ fost l-Istati Membri jistgħu jiġu rrimarkati jekk jirriżulta li l-mod ta' finanzjament tagħha, f'dan il-każ it-taxxa imposta fuq l-imħatri tat-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, jikser il-prinċipji ta' provvista libera tas-servizzi stipulat fl-Artikolu 56 tat-TFUE u tan-nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 110 tat-TFUE. Abbażi tal-analiżi ta' hawn taħt, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm effetti negattivi. Fil-fatt, il-miżura kollha kemm hi tħeġġeġ il-kompetizzjoni sakemm din tiżgura kompetizzjoni ġusta fost l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn.

9.2.7. *Kompatibbiltà tat-taxxa mal-prinċipji ta' provvista libera tas-servizzi u tan-nondiskriminazzjoni*

(150) Il-Kummissjoni identifikat tliet livelli possibbli ta' diskriminazzjoni u xkiel tal-prinċipju tal-provvista libera tas-servizzi, deskritti hawn isfel, fil-miżura inizjalment notifikata. L-awtoritajiet Franċiżi pprovdew tweġibiet għal kull wieħed mir-riskji identifikati mill-Kummissjoni billi emendaw is-sistema kif speċifikata fin-notifika inizjali jew billi żiedu magħha permezz ta' impenji adegwati.

9.2.8. *Diskriminazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' ċerti primjums*

(151) Il-Kummissjoni tqis li hemm problema fil-primjums li nghataw lil min irabbi jew lill-propjetarji li huma ffinanzjati mit-taxxa jekk dawn kienu miżmuma għaż-żwiemel li twieldu u trabbew fi Franza (dan kien il-każ għat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-galopp). Konsegwentament, l-operaturi Ewropej li mhumiex stabbiliti fi Franza jkunu intaxxati sabiex ikun jista' jsir il-finanzjament tal-primjums li jibbenefikaw esklussivament minnhom dawk li jrabbu u l-propjetarji taż-żwiemel li twieldu u trabbew fi Franza.

(152) Sabiex tiġi eskluża d-diffikultà msemmija fil-premessa preċendenti, l-awtoritajiet Franċiżi eskludew mill-kalkolu tal-kosti komuni li għandhom jiġu ffinanzjati mit-taxxa, il-primjums kollha li huma riżervati għaż-żwiemel li twieldu u trabbew fi Franza (ara l-premessa (103)).

9.2.9. *Diskriminazzjoni fost l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel fir-rigward tal-benefiċċji miksuba mit-taxxa*

(153) It-taxxa li tistabbilixxi trasferiment fost il-kompetituri tal-PMU u l-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel attivi wkoll fl-attivitajiet tal-imħatri onlajn tkun diskriminatorja jekk din tiffinanzja l-kosti li jibbenefikaw aktar minnhom il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-PMU milli operaturi oħra tal-imħatri.

(154) Il-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' diskriminazzjoni fost l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel fil-livell tal-benefiċċji li ġejjin mit-taxxa huwa newtralizzat jekk il-kosti ffinanzjati huma ta' interess komuni għall-operaturi kollha tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel.

(155) Madankollu, il-Kummissjoni tqis ukoll li, sakemm dawn il-kosti ta' interess komuni jinbidlu biż-żmien, huwa meħtieġ li din il-bidla, li hija riżultat tal-għażliet li għamlu l-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel, b'mod partikolari l-inċentivi, tkun immaniġġjata b'mod kontrollat. L-iskop hu li l-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel ma jkunux imħajra jżidu b'mod eċċessiv l-inċentivi jekk il-kost tagħhom jinġarr parzjalment mill-kompetituri tal-PMU, li jwassal biex dawn tal-aħħar ikunu soġġetti għal rata ogħla tat-taxxa.

(156) Sabiex jiġi eliminat ir-riskju ta' hawn fuq, u jkun assigurat li l-bidla fil-kosti ta' interess komuni tibqa' raġonevoli, l-awtoritajiet Franċiżi qablu li jżommu l-miżuri ta' kontroll li ġejjin:

— Jitwettaq kontroll strett fuq il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel permezz ta' kontroll finanzjarju li jeżerċita l-Istat, b'mod partikolari l-Ministeru għall-Agrikoltura u dak tal-Ekonomija u tal-Finanzi, fir-rigward tal-finanzi kollha tal-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel skont id-Digriet Nru 97-456 tal-5 ta' Mejju 1997 dwar il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u t-totalizzatur, inkluż it-titolu V, "*Rigward il-kontroll finanzjarju*".

— Il-kontroll regolatorju mwettaq mill-Qorti tal-Awdituri jirrigwarda lill-benefiċjarji kollha tat-taxxi parafiskali.

(157) Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' kontroll msemmija hawn fuq jippermettu lill-awtoritajiet Franċiżi jassiguraw li l-bidla fil-kosti ta' interess komuni tibqa' raġonevoli u ma żżidx il-benefiċċji li l-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel jaqilgħu mit-taxxa. Il-bidla fil-kosti ta' interess komuni se tkun ukoll ivverifikata mill-Kummissjoni abbażi ta' rapport ta' implimentazzjoni li se jingħata mill-awtoritajiet Franċiżi (ara l-premessa (94)).

9.2.10. *Diskriminazzjoni fost l-operaturi tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel f'dak li jirrigwarda l-obbligu li tithallas it-taxxa*

(158) Tajjeb li wieħed ifakkar li l-PMU għandu monopolju tat-tmexxija tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti u li,

għalhekk, huwa jibbenefika wkoll mit-tiġrijiet taż-żwiemel primjum, mingħajr ma jkun soġġett għal obbligu li jħallas it-taxxa parafiskali. Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li wieħed jassigura li, bħad-dħul mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn għall-operaturi, inkluż il-PMU nnifsu, id-dħul li ġej mill-monopolju tal-PMU fuq l-imħatri tat-tiġrijiet taż-żwiemel diretti jikkontribwixxi b'mod identiku għall-finanzjament tat-tiġrijiet taż-żwiemel primjum.

(159) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li n-newtralità bejn l-imħatri diretti u l-imħatri onlajn hija garantita għaliex:

— Id-dħul tal-monopolju tal-PMU li hu trasferit lill-industrija taż-żwiemel huwa stabbilit f'livell strutturali li huwa bil-bosta ikbar mill-ħlas tal-imposta stabbilita fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn. Fil-fatt, ir-rata ta' redditu għall-industrija osservata matul is-snin 2011 u 2012, skont ir-reġim tal-liġi tal-2010, tqarreb l-10 % tal-logħob tal-flus fuq imħatri (rapport dwar ir-riżultat nett tal-PMU li ġej mil-logħob tal-flus fuq imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti). Din ir-rata ta' 10 % hija bil-bosta superjuri għar-rata ta' taxxa imposta fuq l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn, li hija ta' 5,6 %.

— Il-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel li jattendu fil-Kunsill tal-Amministraturi tal-PMU, u b'mod partikolari l-kumpaniji prinċipali tat-tiġrijiet taż-żwiemel li jirrappreżentaw 40 % tal-voti, għandhom interess ukoll li l-kontribuzzjoni tal-PMU li tiddefinixxi l-livell ta' riżorsi tagħhom għas-sena, ma tonqosx, minħabba li kwalunkwe tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-PMU jkollu impatt mhux biss fuq l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel iżda wkoll fuq l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet taż-żwiemel li mhumiex primjum li huma ffinanzjati esklussivament abbażi tad-dħul imħallas mill-PMU lill-industrija taż-żwiemel.

(160) L-awtoritajiet Franċiżi madankollu impenjaw irwieħhom biex jistaqsu lill-PMU, permezz tar-rappreżentanti tal-Istat li huma membri tal-Kunsill tal-Amministraturi tal-PMU u li jirrappreżentaw 40 % tal-voti, biex kull sena jħallas lill-industrija taż-żwiemel parti mill-flus tal-logħob tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel diretti tal-PMU, li tkun ogħla jew daqs il-livell tat-taxxa parafiskali fuq l-imħatri tat-tiġrijiet taż-żwiemel onlajn.

(161) F'każ li l-PMO jippreżenta baġit li jipprevedi redditu lill-industriija inferjuri mit-taxxa parafiskali fuq l-imħatri onlajn, u f'każ li l-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel japprovaw tali baġit u għalhekk ir-rappreżentanti tal-Istat fil-Kunsill tal-Amministraturi tal-PMU jkunu f'minoranza, l-awtoritajiet Franċiżi jaqblu li l-Ministri kompetenti jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrifjutaw il-baġit b'konformità mal-Artikolu 33 tad-Digriet Nru 97-456 tal-5 ta' Mejju 1997 dwar il-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u t-totalizzatur imsemmija hawn taħt: "Il-baġit tal-kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel u ta' korpi komuni msemmija fil-punt I tal-Artikolu 12 [inkluż il-PMU] u l-emendi li se jsiru matul is-sena finanzjarja ma għandhomx jitwettqu jekk mhux bl-approvazzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi definiti fl-Artikolu 34 ta' hawn taħt. Din l-approvazzjoni titqies li nkisbet fin-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet matul perjodu ta' xahar mill-wasla tad-dokumenti. Jekk ma tittieħed l-ebda deċiżjoni qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, ma tista' ssir l-ebda nefqa mill-investiment u l-kosti ta' funzjonament miżjuda mal-baġit preċedenti jistgħu jiġġeddu, bi tnaqqis ta' 5 % sakemm jiġi approvat l-abbozz tal-baġit."

(162) Il-Kummissjoni tqis li n-newtralità tat-taxxa bejn l-imħatri diretti u dawk onlajn tista' titqies li hija garanzija għall-impenji ta' hawn fuq mill-awtoritajiet Franċiżi, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-relazzjonijiet partikolari bejn il-PMU, il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-żwiemel u l-Istat. Dan il-punt se jkun verifikat ukoll mill-Kummissjoni abbażi tar-rapport ta' implimentazzjoni li se jipprovdu l-awtoritajiet Franċiżi (ara l-premessa (94)).

(163) Il-Kummissjoni kkonkludiet mill-analiżi ta' hawn fuq li t-taxxa li tiffinanzja l-miżura ta' għajnuna lill-Kumpaniji tat-tiġrijiet taż-żwiemel hija kompatibbli mal-prinċipji ta' provvista libera tas-servizzi u ta' nondiskriminazzjoni. Il-mod ta' finanzjament tal-miżura għalhekk mhux se jbiddel il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kontra l-interess komuni. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

## 10. **KONKLUŻJONI**

(164) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura tal-għajnuna notifikata kif emendata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fi ħdan is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(165) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern kif meħtieġ mill-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(166) Il-Kummissjoni tqis b'mod partikolari li l-emendi introdotti minn Franza għall-metodu ta' finanzjament tal-għajnuna jippermettu li tiġi żgurata l-konformità tat-taxxa mal-prinċipji tal-provvista libera tas-servizzi stabbilit fl-Artikolu 56 tat-TFUE u ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 110 tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur il-Kumpaniji tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

It-twettiq ta' din l-għajnuna hija awtorizzata skont dan.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi President*

**RETTIFIKA**

**Rettifika għad-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar- rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill- pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 294 tas-6 ta' Novembru 2013)*

F'paġna 27, l-Artikolu 5:

*minflok:* "Sas-27 ta' Novembru 2015, …",

*aqra:* "Sas-27 ta' Novembru 2018, …".

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT